OFM malta
istitut franġiskan

80

*Rivista li toħroġ*
*kull tliet xhur*
*bl-ewwel ħarġa*
*f'April 1986*

*Computer Setting:*
*Ġwann Abela ofm*
*Joseph Magro ofm*

*Stampat:*
*Gozo Press*

*Il-Materjal kollu li jidher huwa Copyright © ta' l-Istitut Franġiskan u ta' l-Edizzjoni TAU, 2007*

# Werrej


- Editorjal . . . . . . . . . . .1
- Egidio ta' Assisi . . . . .2
- Il-Forma ta' ħajja ta' Klara u l-Ordni tagħha fil-Medjuevu (1) . . . . . . . .8
- It-Tielet Ordni Franġiskan: Tradizzjoni ta' ħajja evanġelika . . . . . . . . .11
- Sorijiet Franġiskani, Storja u Spiritwalità 18
- Kotba . . . . . . . . . . .21


*Editorjal*

# FRANĠISKANI PROFESSJONALI

Id-dokument finali tal-Kapitlu Ġenerali Straordinarju OFM li sar f'La Verna u Assisi f'Ottubru 2006, isemmi l-ħtieġa li nimxu mit-tajjeb għall-aħjar fil-kura tal-vokazzjoni Franġiskana tagħna («Il Signore ci parla lungo il cammino», n. 52). Fost il-mezzi biex dan iseħħ, id-dokument isemmi: (1) il-kollaborazzjoni mal-membri l-oħrajn tal-Familja Franġiskana; (2) li l-patrijiet jaqsmu x-xhieda ta' ħajjithom fil-fraternità u fl-esperjenzi ta' evanġelizzazzjoni flimkien; (3) li nibnu impenn pastorali akbar mal-familji u ż-żgħażagħ; (4) li ngħixu bħala fraternità aktar inserita fil-kuntest soċjali u familjari li aħna mdawwrin bih; (5) li nagħmlu dixxerniment dwar il-ħajja tal-fraternità bħala l-element fondanti ta' l-għażla vokazzjonali tagħna.

Meta wieħed iqis dawn l-elementi, jista' jasal għall-konklużjoni li sserraħlu l-kuxjenza. Fil-fatt, aħna kapaċi norganizzaw ħafna inizjattivi li fihom il-Franġiskani kollha, irġiel u nisa, jiltaqgħu flimkien. Aħna wkoll kapaċi norganizzaw esperjenzi parzjali ta' evanġelizzazzjoni flimkien. Aħna naħdmu ħafna mal-familji u fi gruppi ta' żgħażagħ. Aħna ċertament ma aħniex magħluqin ġewwa fil-kunventi tagħna, imma inseriti fil-ħidma fost tant familji li nafuhom. Aħna norganizzaw bosta laqgħat biex nitkellmu dwar il-fraternità u kif qegħdin ngħixuha.

Dan kollu hu pożittiv, imma nibża' li qed jonqos element importanti. Qed nirreferi għall-«professjonalità» li biha aħna nwettqu dawn l-inizjattivi. Bi «professjonalità» minix nifhem neċessarjament li wieħed għandu jkollu lawrja universitarja fil-Franġiskaneżimu. Nifhem, iżda, li wieħed irid ikun jaf il-kariżma Franġiskan biex jaħdem ta' Franġiskan. Mhux biżżejjed li nħossuna flimkien għax sempliċement niltaqgħu flimkien bħala Franġiskani, imma mbagħad ma aħniex kapaċi naħdmu flimkien b'rispett reċiproku lejn it-tradizzjonijiet u l-awtonomija ta' kull familja. Mhux biżżejjed li nevanġelizzaw, imma dejjem fuq bażi individwali u rarament bħala fraternità. Mhux biżżejjed li naħdmu mal-familji u ż-żgħażagħ, u jkollna gruppi GiFra kullimkien, mingħajr ma nagħtuhom verament bixra Franġiskana b'mod professjonali. Mhux biżżejjed li n-nies iħobbuna bħala saċerdoti, imma ma jarawx fina d-distintiv Franġiskan li għandu jikkaratterizza l-istil tal-ħidma tagħna. U fl-aħħarnett mhux biżżejjed li nitkellmu fuq il-fraternità u nġibu persunaġġi biex jgħallmuna kif ngħixu l-fraternità, jekk aħna ma nagħmlu l-ebda sforz biex nibdew konkretament ngħixuha bejnietna.

Dan id-diskors imiss mill-qrib il-formazzjoni permanenti, li l-Ministru Ġeneral isejħilha l-«humus» tal-formazzjoni inizjali. Din ir-rivista Franġiskana għandha biss dan l-iskop, li tgħinna lkoll insiru aktar «professjonali» mhux f'dak li nagħmlu biss, imma l-aktar f'dak li aħna.

Fr. Noel Muscat ofm

# EGIDIO TA' ASSISI: MISTIKU U RIBELL

*Pierre Brunette OFM – Paul Lachance OFM*
*[«Franciscan Studies» 64 (2006) 83-101]*

"O sinjura summiena", qal fra Egidio mimli b'ħeġġa spiritwali, "jiena nixtieq niġi għandek biex nisimgħek b'attenzjoni ħalli tirrakkontali t-tifħir tal-Mulej. Jiena rrid niftakar li inti ma tgħidx «la la», imma «qua qua», bħallikieku trid tgħidli li mhux f'xi ħajja oħra, imma hawnhekk, f'din il-ħajja, irrid nitħabat biex inwettaq għemejjel ta' merti"[1].

Din il-ġrajja u oħrajn bħalha jinsabu fit-300 «Dicta» ta' fra Egidio fl-edizzjoni ta' Quaracchi[2]. Id-«Dicta» huma tematikament organizzati f'26 kapitli, u jitkellmu dwar il-virtujiet axxetiċi u morali, aktar milli dwar l-evoluzzjoni tal-moviment Franġiskan tal-bidu. Lanqas ma jagħtuna xi dawl speċjali dwar in-natura tal-kontemplazzjoni. Il-fonti prinċipali għall-ħajja ta' fra Egidio huma tliet «Vitae», li kull waħda għandha l-karatteristika distintiva tagħha: dik pubblikata minn Rosalind Brooke, dik fil-Kronaka ta' l-24 Ministri Ġenerali, u oħra fl-«Acta Sanctorum»[3]. It-tliet ħajjiet huma attribwiti lil fra Leone, ħabib ta' fra Egidio, li miet 1271, disa' snin wara l-mewt ta' Egidio fl-1262. Minħabba dawn il-ħajjiet aħna nafu dwar fra Egidio aktar milli nafu dwar l-ewwel sħab l-oħrajn ta' San Franġisk[4].

Quddiem il-figura ta' fra Egidio, nibqgħu bejn ħaltejn għax hu diffiċli li nkunu nafu eżattament min kien. Mill-banda l-waħda, fil-fonti uffiċjali għall-ħajja ta' San Franġisk, kull meta jissemma Egidio jiġi preżentat bħala mudell tal-ħajja Franġiskana tal-bidu. Dawn l-istess fonti jidealizzaw il-figura ta' Egidio u jippreżentawh bħala persuna mistika, li jgħix bħal eremit, u li ma kellu l-ebda impatt fuq il-moviment Franġiskan tal-bidu. Mill-banda l-oħra, l-awturi u l-kompilaturi tal-fonti mhux uffiċjali, mhux biss jitkellmu dwar id-doni kontemplattivi ta' fra Egidio, imma meta jagħtuna l-kliem li kien itenni, jippreżentawh bħala wieħed li kien jiddefendi l-kritika tagħhom dwar l-evoluzzjoni ta' l-Ordni. Dan ifisser li rridu nħalltu flimkien il-«Vitae» ta' fra Egidio u d-diversi kompilazzjonijiet Franġiskani mhux uffiċjali: il-«Compilatio Assisiensis», il-Kronaka ta' l-24 Ministri Ġenerali, il-«Liber de Conformitate» ta' Bartolomeo da Pisa, il-Kronaki ta' Salimbene u Thomas of Eccleston, u l-kitbiet ta' l-ispiritwali Ubertino da Casale u Angelo Clareno.

It-trasmissjoni orali tad-«Dicta» tidher li bdiet madwar l-1224. Huma juru xebħ mat-Twissijiet ta' San Franġisk, kif ukoll ma' l-«Apophtegma Patrum», jew kitbiet tal-qaddisin eremiti u ċenobiti tad-deżert. Id-deżert imrammel u ġebli ta' l-Eġittu jiġi sostitwit mid-deżert tal-boskijiet ta' l-Italja ċentrali fil-medjuevu, fejn l-ewwel eremiti Franġiskani, bħal fra Egidio kienu jgħixu[5]. F'kelma oħra, hu biss meta nistudjaw id-«Dicta», flimkien mal-«Vitae» u l-kompilazzjonijiet u l-kronaki li semmejna, li nistgħu nifhmu aħjar min kien dan fra Egidio, li Franġisku kien isejjaħlu wieħed mill-kavallieri speċjali tiegħu tat-«tavola rotonda»[6].

Egidio twieled madwar is-sena 1190 u għex aktar minn 70 sena. Se nippreżentawh fuq profil bijografiku b'dan il-mod: 1209-1215: dixxiplu u pellegrin; 1215-1226: itineranti u viżjonarju; 1227-1239: dissidenti; 1240-1262: eremita. Naraw ukoll kif Egidio kien kemm mistiku kif ukoll ribell.

## *1209-1215: Dixxiplu u Pellegrin*

Qabel l-1209 ma nafu kważi xejn dwar Egidio, dwar żogħżitu jew il-familja tiegħu. Skond it-tradizzjoni kien ġej minn familja fqira, u kien "raġel sempliċi u bla skola" (LM 3,4: FSF 1152)[7]. Kellu saħħa ta' raġel bejjien li kienet tagħmlu kapaċi għal xogħol iebes. Celano jgħid li kien "bniedem sempliċi u ġust u jibża' minn Alla" (1C 25: FSF 224)[8].

Egidio kellu 18-il sena meta, nhar it-23 ta' April 1209, festa ta' San Ġorġ, iddeċieda li jingħaqad ma' Franġisku, Bernardo da Quintavalle u Pietro Cattani f'Santa Marija ta' l-Anġli, fejn twieled il-moviment Franġiskan. Hu esprima ċ-ċaħda radikali tad-dinja billi ta l-mantell tiegħu lil wieħed raġel fqir[9].

Egidio beda jgħix l-idejal ta' minorità flimkien ma' Franġisku u l-ewwel fraternità: ħajja ta' ċaħda mibnija fuq il-faqar ta' Kristu, u karatterizzata mill-itineranza, xogħol ta' l-id, u kondiviżjoni mal-foqra. Hu kien jgħid: "Ħobb il-faqar biex ikollok is-saħħa li timita lil Kristu fqir u tkun aktar ħieles għal Alla"[10]. Kien kapaċi li joħloq għalih innifsu l-opportunità li jfittex l-aktar ħidmiet kurjużi. Ħadem billi ġarr l-ilma, ħaffer l-oqbra, ġabar iż-żebbuġ, niseġ basktijiet tal-qasab, dewwa lil-lebbrużi. Tant kellu personalità qawwija u spirtu indipendenti li Franġisku ħallieh fil-libertà li jagħmel dak li ried għal kważi 15-il sena. Matul 6 snin Egidio mar jivvjaġġa f'postijiet fil-bogħod. Hekk hu żar is-santwarji importanti tal-medjuevu: Santiago de Compostella, San Michele fuq il-Monte Gargano, San Nicola ta' Bari, u s-santwarji ta' Ruma u l-Art Imqaddsa. Egidio kien ukoll akkumpanja lil

Franġisku fl-ewwel missjoni ta' predikazzjoni tiegħu fil-Marche ta' Ancona, kif ukoll kien fost l-ewwel aħwa li marru ma' Franġisk f'Ruma biex jakkwistaw l-approvazzjoni papali tal-«forma vitae» minn Innoċenz III fl-1209.

Fl-1213 Egidio ħabbar it-tribulazzjonijiet futuri tal-fraternità Franġiskana, u kien l-ewwel wieħed li kien profeta ta' dak li kellu jiġri fil-moviment Franġiskan[11]. Minn dak il-ħin hu ried li joqgħod għall-ubbidjenza. Hekk Franġisku jibgħatu fl-eremitaġġ ta' Fabriano qrib Perugia, imbagħad fil-fraternità tal-knisja ta' San Apollinare fi Spoleto. Hemmhekk għex ħajja ta' penitenza u faqar, u kellu l-ewwel viżjonijiet tiegħu, u ġie mħabbat ħafna mix-xitan[12].

Il-Konċilju Lateran IV ta' l-1215 ipprojbixxa lil-lajċi li jippriedkaw. Hekk Egidio irtira dejjem aktar f'ħajja ta' solitudni. Franġisku faħħar lil dawk li, bħal Egidio, jagħmlu penitenza fis-solitudni, għax "dawn huma l-aħwa tiegħi kavallieri tal-mejda t-tonda, li huma moħbijin fid-deżert u fl-imkejjen imwarrbin, sabiex jingħataw bil-qima għat-talb u l-meditazzjoni, filwaqt li jitolbu għad-dnubiet tagħhom u ta' l-oħrajn, u l-qdusija tagħhom hi magħrufa minn Alla, filwaqt li l-aħwa l-oħrajn u l-bnedmin ma jintebħux biha"[13].

## *1215-1226: Itineranti u Viżjonarju*

Dak li nafu dwar l-esperjenzi ta' estasi li kellu Egidio hu li dawn x'aktarx seħħew fiż-żmien li hu kien fl-eremitaġġi meta ma kienx jivvjaġġa[14]. Dawn l-esperjenzi mistiċi seħħew meta l-espansjoni missjunarja tal-moviment Franġiskan kienet fl-aqwa tagħha. Fl-1210 jew 1219, il-kronaki jgħidu li Egidio rikeb fuq ġifen u mar it-Tuneżija, għax hu ried imut martri[15]. Hu kien tnikket li l-ħames patrijiet Minuri li mietu fil-Marokk fl-1220, u li huma meqjusin bħala l-ewwel martri ta' l-Ordni, San Berardu u sħabu, ma kienux kanonizzati. Wara ftit taż-żmien irritorna fl-Italja u mar joqgħod fl-Umbria. Fl-1225 kien fi Rieti, fejn kien milqugħ mill-kardinal Chiaramonti. Flimkien ma' xi sħab oħrajn mar jgħix f'Deruta tul ir-Randan ta' l-1226. Fl-istess sena, fit-3 ta' Ottubru, insibuh maġenb Franġisku li kien qed imut fil-Porziuncola, u l-«Compilatio Assisiensis» tgħidilna kif Franġisku bierek lilu, filwaqt li soltu jingħad li l-qaddis bierek lil Bernardo da Quintavalle[16].

Ftit wara l-mewt ta' Franġisku, Egidio bidel ħajtu radikalment u ried japprofondixxi t-tfittxija tiegħu ta' Alla billi jqatta' perjodi aktar twal ta' solitudni fl-eremitaġġi. Minn dak iż-żmien, u għal aktar minn 25 sena, narawh jgħaddi minn eremitaġġ għal ieħor fil-wied ta' Perugia. Qabel il-Milied ta' l-1226 u sa l-Epifanija, fl-eremitaġġ ta' Cetona fi Chiusi, għadda minn perjodu intens ta' viżjonijiet u esperjenzi mistiċi, li kellhom effett dejjiemi fuq ħajtu. Hu iddeskriva din l-esperjenza bħala li ħassu "lejl u nhar jgħum fi fwejjaħ mill-isbaħ u ħlewwiet ta' qalb hekk intesi li lanqas seta' jissapportihom"[17]. Dawn l-esperjenzi, iżda, kienu wkoll imseħbin minn tentazzjonijiet djaboliċi hekk qawwija li hu kien iwerżaq hekk li kien ibeżża' lill-aħwa li kienu jgħixu miegħu[18]. Min-naħa tiegħu Egidio kien isostni li hu ma kienx jistħoqqlu dan kollu, għax kien midneb, raġel ordinarju u bidwi bla skola. Minħabba t-tħassib li kellu biex iżomm moħbijin il-grazzji li kien irċieva minn Alla, Egidio beda dejjem aktar jinqata' waħdu bogħod minnies[19].

Il-ħajja solitarja tiegħu matul aktar minn 35 sena kienet il-konsegwenza ta' din l-esperjenza li kellu f'Cetona. Minn dan il-waqt isir diffiċli li nsegwu l-ħajja ta' Egidio mill-qrib. Irridu narawha fl-isfond tal-problemi li għadda minnhom il-moviment Franġiskan f'dak iż-żmien: problemi ta' tmexxija, organizzazzjoni, espansjoni, klerikalizzazzjoni, u interpretazzjoni tar-Regola għal sitwazzjonijiet ġodda. Mill-1226 il-Leġġendi uffiċjali Franġiskani jeliminaw lil Egidio mill-ġrajjiet importanti li kienu qed iseħħu fil-komunità ta' l-Ordni. Egidio jibda dejjem aktar jidher bħala wieħed mill-aħwa li riedu japplikaw il-wirt ta' San Franġisk bla kummenti[20]. Aħwa li kienu «zelanti» bħal fra Egidio jibdew jiċħdu kull kompromess ma' l-idejal evanġeliku tal-bidu.

## *1227-1239: Dissidenti*

F'dan il-perjodu Egidio jgħaddi minn Spoleto, għal Agello, Assisi u Perugia. Dan kien il-perjodu tal-ġeneralat ta' fra Giovanni Parenti (1227-1232) u tat-tieni mandat ta' Elia ta' Cortona bħala Ministru Ġeneral ta' l-Ordni (1232-1239). Egidio oppona bil-miftuħ għall-bini tal-Bażilika ta' San Franġisk u s-Sacro Convento ta' Assisi, li Elia kien qed iwettaq f'isem il-Papa Girgor IX. Il-pożizzjoni tiegħu tqanqal lil fra Leone u grupp żgħir ta' aħwa dissidenti li jmorru jkissru l-vażun kbir ta' l-irħam li fih kienu jinġabru l-fondi għall-bini tal-bażilika. Egidio ma felaħx jara tradimenti għall-impenn ta' faqar[21]. Matul iż-żmien li fih Elia kien vigarju ta' San Franġisk (1220-1227), Elia kien digà wera ruħu kontra d-dixxipli tal-bidu, li kienu jridu jgħixu maqtugħin fl-eremitaġġi u ma kienux jaqblu fl-ubbidjenza lejn il-pjanijiet ta' Girgor IX. Imma meta temm il-ġeneralat tiegħu, dawn l-istess akkużi

saru lilu stess, hekk li hu ġie depost mill-istess Papa Girgor IX fl-1239. Meta Egidio sema' bil-waqa' ta' fra Elia, bid-diżubbidjenza, l-apostasija u l-iskomunika tiegħu, hu inxteħet għal tulu fl-art, u beda jagħfas ġismu fuq l-art. Meta staqsewh għaliex kien qed jagħmel hekk, weġibhom: "Jiena rrid ninżel fil-baxx kemm nista'. Għax aktar ma wieħed jogħla 'l fuq, aktar jieħu tisbita kbira"[22].

Egidio kien ukoll kontra l-istudji b'mod feroċi. "La tqiegħdux il-fiduċja tagħkom fl-għerf li għandkom, għaliex ukoll kieku kellkom l-għarfien kollu, imma mingħajr l-għemejjel tajba ma jagħmlilkom l-ebda ġid għas-salvazzjoni tagħkom"[23]. Quddiem wieħed mill-aħwa predikaturi Egidio għamel ġest sarkastiku billi qiegħed idejh quddiem ħalqu bħallikieku qiegħed idoqq tromba u, bid-djalett ta' l-Umbria, qallu li flok il-priedka kellu jgħajjat: "Bo, Bo, molto dico, poco fo! (Jiena ngħid ħafna u nagħmel ftit li xejn)"[24]. Rigward l-istudjużi Franġiskani li kienu jgħallmu fl-Università ta' Pariġi, Egidio kien jgħid: "Pariġi, Pariġi, inti qiegħda teqred l-Ordni ta' San Franġisk"[25]. Għal Egidio l-Ordni kien wasal f'qagħda ta' rovina sħiħa: "Il-ġifen tkisser fuq il-blat. Il-ġlieda hi mitlufa. Dawk li jistgħu, għandhom jiġru u jaħarbu, jekk jistgħu"[26]. Ubertino da Casale jgħid li Egidio kien beka ħafna quddiem il-qerda tal-fedeltà lejn ir-Regola, hekk li l-patrijiet żgħażagħ li kienu għadhom kemm daħlu fl-Ordni ħasbu li kien iġġennen. Ġesù mbagħad deherlu biex jiżgurah li l-Ordni kellu jiġġedded u tiġi restawrata l-osservanza tar-Regola[27].

## *1240-1262: Eremit*

F'dan il-perjodu tal-ħajja ta' fra Egidio nassistu għall-produzzjoni ta' diversi dokumenti aġjografiċi Franġiskani. Il-bijografi tal-ħajja ta' San Franġisk ta' spiss kienu jżuru lil fra Egidio biex jintervistawh dwar Franġisk. F'dan iż-żmien Egidio akkwista tliet patrijiet bħala sħabu, fra Graziano, fra Andrea u fra Giovanni. Mexxejja importanti tal-Knisja u ta' l-Ordni, bħalma kienu l-Papa, il-Kardinali, San Bonaventura, Donna Jacopa dei Settesoli, ilkoll ġew iżuruh fl-eremitaġġ tiegħu ta' Monteripido f'Perugia. Matul dan il-perjodu, Egidio żamm kuntatt ma' l-ewlenin sħab ta' San Franġisk, speċjalment ma' Klara u s-Sorijiet Foqra ta' San Damiano[28].

Fl-1253 ġie ippubblikat it-«Trattat tal-Mirakli» ta' Tommaso da Celano. Dan kien il-kurunament ta' l-opra ta' Celano, u ħareġ fl-istess sena tal-konsagrazzjoni tal-Bażilika ta' San Franġisk f'Assisi. Mill-ġdid Egidio wera l-oppożizzjoni tiegħu għall-grandjożità li biha dawn il-mirakli riedu jippreżentaw lil San Franġisk u l-Ordni tiegħu[29]. Fl-1260, Bonaventura jikkonsultah qabel jikteb il-«Legenda Maior»[30]. Bonaventura mhux biss intervista lil Egidio dwar San Franġisk, imma wkoll dwar l-esperjenzi mistiċi li kellu f'Cetona. Bonaventura jitkellem biss dwar l-aspett kontemplattiv tal-ħajja ta' Egidio, u ma jgħid xejn dwar ħajtu bħala ħaddiem ta' l-id u itineranti, jew dwar il-kondiviżjoni tiegħu mal-foqra u r-rwol tiegħu fil-fergħa tad-dissidenti fil-moviment Franġiskan.

Minkejja dan it-tifħir kollu, Egidio baqa' umli u moħbi. Hu kien jinsisti li ma kienx jistħoqqlu l-ebda mertu meta jitlob, u kien jgħid: "Jiena xkora tajba għall-ħruq, jiena bniedem bla valur, u inti l-Mulej tas-sema u ta' l-art"[31].

Wara l-1261 is-saħħa ta' Egidio bdiet tmajna. Hu miet f'Monteripido fit-23 ta' April 1262. L-aħwa difnuh f'sarkofagu qadim ta' l-irħam li fil-ġenb tiegħu kien hemm minquxa l-istorja ta' Ġona[32]. Ġew attribwiti għalih bosta mirakli ta' fejqan meta kien għadu ħaj, imma l-ebda miraklu wara li miet. Din kienet grazzja li hu kien talab lil Alla[33]. Id-dokumenti jisktu dwar il-mirakli tiegħu minħabba l-influss li hu kellu fuq l-Ispiritwali u l-oppożizzjoni personali tiegħu għall-mirakli. Kellhom jgħaddu mitt sena qabel Bartolomeo da Pisa, fil-*Liber de Conformitate*, attribwixxa 20 miraklu lil Egidio[34]. Fl-1439 Perugia tat qima lill-fdalijiet tiegħu. Il-Papa Piju VI iddikjarah beatu fl-1777. Ir-relikwi tiegħu huma mħarsin fl-oratorju ta' San Bernardino, li jinsab ħdejn il-bieb ta' Perugia. Il-qdusija tiegħu baqgħet magħrufa mhux tant għall-mirakli li wettaq, daqskemm għall-ħajja eżemplari tiegħu, għall-fedeltà tiegħu lejn l-idejali Franġiskani tal-bidu, u l-ħajja kontemplattiva li għex.

## *Mistiku*

Egidio kien meqjus bħala awtorità tal-ħajja kontemplattiva u r-reputazzjoni tiegħu bħala mistiku kibret mas-snin. Bonventura, fil-«Legenda Maior», josserva li Egidio tant kien mitluf f'Alla li kien jidher aktar bħala anġlu milli bħala bniedem[35].

Ir-relazzjoni ta' fra Egidio ma' San Bonaventura hi murija fil-Kronaka ta' l-24 Ministri Ġenerali. Bonaventura jmur iżur lil Egidio f'Monteripido. Egidio jikkonfrontah bil-mistoqsija: "Persuna sempliċi tista' tħobb lil Alla daqs persuna kolta?" Bonaventura, li kien Ministru Ġeneral u «magister» tat-teoloġija fl-Università ta' Pariġi, wieġbu: "Mara anzjana tista' tħobb lil Alla aktar minn mgħallem tat-teoloġija". Il-ġrajja tkompli tgħid: "Allura fra Egidio qam mimli ħeġġa ta' l-ispirtu u mar fil-ġnien

ta' dik in-naħa li kienet tħares lejn il-belt, u beda jgħajjat lil waħda mara li kienet miexja fil-qrib: 'Ja mara xwejħa u fqajra, sempliċi u bla skola, jekk inti tħobb lill-Mulej Alla inti tkun akbar minn fra Bonaventura'"[36].

Egidio ta' spiss kien jintilef f'estasi. Jingħad li hu kien jidher merfugħ fil-għoli, 'il fuq mill-art. Meta l-Papa Girgor IX, jum minnhom, ġie jżur lil dan l-eremit qaddis biex jistaqsih dwar l-esperjenzi tiegħu, jidher li kull meta Egidio ipprova jwieġbu u jitkellem dwar Alla hu kien mall-ewwel jintilef f'estasi. Meta t-tfal imqarbin kienu jridu jiddevertu billi jgħaddu biż-żmien lil Egidio, kull ma kellhom jagħmlu kien li jibdew jgħajjtu "Paradiso! Paradiso!" u hu kien jiffriża fil-post u jidħol f'estasi[37].

## *Ribell*

Kif diġà innutajna Egidio kien kritiku ħafna dwar l-iżvilupp tal-moviment Franġiskan. Hu kien iwissi kontra l-periklu ta' l-istudji, kien iċanfar l-arroganza ta' xi letturi ta' teoloġija, kien jitnikket meta jara li l-predikaturi ma kienux jgħixu dak li kienu jippriedkaw, kien jistmerr dawk il-patrijiet Franġiskani li riedu jsiru prelati, kien jikkundanna l-għemejjel ta' fra Elia meta dan kien Ministru Ġeneral, bħalma kienu l-bini tal-Bażilika ta' San Franġisk u t-tradimenti kontra r-Regola. Lil wieħed mill-aħwa li qallu li kellu viżjoni ta' l-infern, li fih ma lemaħx patrijiet, Egidio wieġbu li hu ma kienx niżel 'l isfel biżżejjed fl-infern, għax fil-qiegħnett kien hemm il-patrijiet li ma kienux ħarsu r-Regola.

Rigward San Franġisk, għall-bidu Egidio kien iżommu f'ġieħ kbir. Darba minnhom Franġisku deherlu meta Egidio kien Cetona. Imma kif rajna qabel, ukoll meta Franġisku kien għadu ħaj, Egidio kien diġà wera l-ispirtu indipendenti tiegħu meta kien jonqos għal żmien twil u jmur pellegrinaġġi twal jew jgħix f'eremitaġġi. Fis-snin aktar tard hu sar aktar maqtugħ u kritiku. Kien jidher li ma kienx komdu bil-kult li kien qiegħed jikber madwar San Franġisk, l-aktar rigward il-viżjoni u l-istimmati li kien irċieva fuq La Verna.

Bħala konklużjoni nistgħu ngħidu li Egidio, it-tielet membru tal-fraternità tal-bidu, kien jinkarna fih innifsu r-reżistenzi lejn l-adattamenti għall-idejal Franġiskan mingħajr kompromessi. Ħajtu tirrappreżenta l-istil ta' ħajja tal-fraternità tal-bidu, u d-«Dicta» tiegħu jservu biex iżommu ħajja t-tifkira ta' l-ewwel aħwa ta' l-Ordni. F'Egidio il-proposta kristjana ta' San Franġisk dwar il-ħajja evanġelika tasal għall-milja tagħha. Meta wasal biex imut, xi ħadd fakkar lil Egidio li Franġisku kien qal li kull qaddej ta' Alla kellu dejjem irid li jmut mewta ta' martri. Imma Egidio wieġbu billi qallu: "imma issa jiena ma nixtieq l-ebda mewta oħra ħlief li mmut fil-kontemplazzjoni"[38].

## *NOTI*

[1] *Chronica XXIV Generalium*, in *Analecta Franciscana,* vol. 3 (Quaracchi: Coll. S. Bonaventurae, 1897), 86 [abbrevjata f'*24Gen*].

[2] *Dicta Beati Aegidii Assisiensis*, in Bibliotheca Franciscana Ascetica Medii Aevi, vol. 3 (Quaracchi: Coll. S. Bonaventurae, 1905) [abbrevjata *Dicta*]; E. MARIANI, *La Sapienza di Frate Egidio Compagno di San Francesco con I Detti* (Vincenza: LIEF, 1981).

[3] *Scripta Leonis, Rufini et Angeli Sociorum S. Francisci,* ed. R.B. BROOKE (Oxford: The Clarendon Press, 1970), 318-349; *24Gen,* 74-115; "De B. Aegidio Assisinate", in *Acta Sanctorum*, April, III (Antwerp, 1675), 220-227. Għal bijografija dwar fra Eġidju: R. BROWN, *Franciscan Mystic: The Life of Blessed Brother Giles of Assisi, Companion of St. Francis* (Garden City, NY: Hanover House, 1962); A. FORTINI, *Francis of Assisi,* a translation of *Nova Vita di San Francesco*, by H. Moak (New York: Crossroad, 1981), 489-502.

[4] J. CAMBELL, "Giles d'Assise", in *Dictionnaire de Spiritualité,* vol. 6 (Paris: Beauchesne, 1967), 379-382; S. VECCHIO, "Egidio di Assisi", in *Dizionario Biografico degli Italiani,* vol. 42 (Roma: Istituto della Enciclopedia Italiana, 1960-), 313-316.

[5] M. CONTI, "Hermitage and Evangelization in the Life of Francis", trans. N. Celaschi, in *Franciscan Solitude*, ed. A. Cirino and J. Raischl (St. Bonaventure, NY: The Franciscan Institute, 1995), 265-282; G. MERLO, "Eremitism in Medieval Franciscanism", trans. N. Celaschi, *Franciscan Solitude*, 264-281; Th. MERTON, "Franciscan Eremitism", in *Contemplation in a World of Action* (Garden City, NY: Doubleday, 1971), 260-268.

[6] *24Gen,* 78.

[7] LM 3,4 (FSF 1152): "It-tielet wieħed kien il-qaddis missier fra Egidio, raġel mimli b'Alla, u t-tifkira tiegħu jixirqilha tinżamm ħajja. Għad li kien raġel sempliċi u bla skola, aktar 'il quddiem sar magħruf ħafna għall-prattika tal-virtujiet erojċi tiegħu, sewwa sew kif kien ħabbar minn qabel il-qaddej tal-Mulej, u ġie merfugħ għall-quċċata l-aktar għolja tal-kontemplazzjoni. Għal ħafna żmien

twil Egidio iddedika ruħu bla waqfien fil-mixi tiegħu li jgħollih 'il fuq, u ta' spiss kien jintilef f'estasi f'Alla. Dan rajtu jien ukoll b'għajnejja stess, u nista' nixhed fiż-żgur li hu kien jgħix, iva, fost il-bnedmin, imma aktar ħajja ta' anġlu milli ta' bniedem".

[8] 1C 25 (FSF 224): "Hekk hu li, wara ftit taż-żmien, jasal fra Egidio, bniedem sempliċi u ġust u jibża' minn Alla, li għex ħajja twila u ħallielna eżempji fil-qdusija, fil-ġustizzja, fil-pjetà, fl-ubbidjenza perfetta, fil-ħidma ta' l-id, fil-ħajja ta' ġabra u fil-kontemplazzjoni qaddisa".

[9] CA 92 (FSF 694).

[10] *Dicta*, 112.

[11] Angelo Clareno, wieħed mill-mexxejja ta' l-Ispiritwali Franġiskani, jippreżenta lil Egidio bħala x-xhud fidil ta' l-idejal Franġiskan tal-bidu u l-profeta tat-tribulazzjonijiet li kellu jgħaddi minnhom l-Ordni. A. CLARENO, *A Chronicle or History of the Seven Tribulations of the Order of Brothers Minor*, trans. from the Latin by D. Burr and E. Randolph Daniel (St. Bonaventure, NY: Franciscan Institute Publications, 2005) [abbrevjata *HTrb*]. Clareno wkoll isemmi kif Egidio feraħ meta ġie elett Ministru Ġeneral fra Giovanni da Parma fl-1247, bħala dak li jreġġa' lill-Ordni lura għall-osservanza tal-forma qaddisa ta' ħajja li kien beda S. Franġisk. Egidio, imnebbaħ mill-Ispirtu, ipprofetizza: "Inti wasalt tajjeb u f'ħin opportun, imma ġejt tard wisq" (*HTrb,* 95). It-tradutturi tal-*HTrb* jgħidu li dawn il-kliem ta' Egidio li jikkwota Clareno ma jinstabu fl-ebda waħda mill-*Vitae*.

[12] *Vita Aegidii*, 329 tgħid li, meta Egidio kien jinsab f'San Apollinare fi Spoleto, "waqt li kien wieqaf u milwi fit-talb hu ħass ix-xitan ġej fuqu, u beda jdejjqu u jħabbtu ħafna. Għalkemm talab bil-ħerqa ma setax jidritta u mar jitkaxkar kif seta' lejn il-fonti ta' l-ilma mbierek u mbagħad bid-devozzjoni xarrab lilu nnifsu bl-ilma u ġie meħlus mix-xitan". Cfr. *24Gen,* 95-96.

[13] CA 103 (FSF 706).

[14] *Vita Aegidii*, kap. 6, 327: "Alla ħares lejh u lejn l-għemejjel tiegħu, u l-id tal-Mulej niżlet fuqu. Fost il-grazzji l-oħrajn li l-Mulej għanieh bihom, insemmu dik ta' meta lejl minnhom kien qed jitlob, u imtela bil-grazzja divina u l-konsolazzjoni b'mod hekk sħiħ li kien jidher li l-Mulej xtaq jiġbed lil ruħu barra minn ġismu biex hekk hu seta' jara s-sigrieti ta' Alla b'mod ċar u jingħata biex jaħdem dejjem aħjar u jissaħħaħ fis-servizz tiegħu. Minn riġlejh 'il fuq hu beda jħossu kif iħossu l-ġisem meta jmut u toħroġ minnu ruħu. Ruħu kienet barra ġismu, kif għoġob lill-Ħallieq, li kien poġġieha f'ġismu, u deherlu li kienet qed titgħaxxaq biha nnifisha, imżejna kif kienet bl-Ispirtu s-Santu. Ir-ruħ qaddisa tiegħu kienet mitlufa fil-kontemplazzjoni tal-misteri tas-sema, li hu ma ried jirrivela lil ħadd".

[15] *Vita Aegidii*, kap. 18, in *Scripta Leonis*, 347; *24Gen,* 78; *La Franceschina,* IV,15. Id-data tal-vjaġġ ta' Egidio fit-Tuneżija hi kontestata. Cambell jgħid li kien fil-bidu ta' l-1214, *Dictionnaire de Spiritualité*, vol. 7, 379, filwaqt li Vecchio jgħid li l-vjaġġ sar fl-1219, *Dizionario Biografico degli Italiani*, 42, 312-316.

[16] CA 12 (FSF 619): "hu firex idu l-leminija u qiegħda fuq ras fra Egidio, li kien it-tielet wieħed fost l-ewwel aħwa u li kien jinsab maġenb fra Benardo".

[17] *Vita Aegidii,* kap. 8 u 9, in *Scripta Leonis*, 331-333; *24Gen*, 96-97.

[18] *Vita Aegidii,* kap. 15, in *Scripta Leonis*, 342-345.

[19] *Vita Aegidii,* kap. 8-9, fi *Scripta Leonis*, 328-333. *Dicta* XII, 46: "Jum minnhom wieħed mill-patrijiet li kien jafu tajjeb, qal lil Egidio: 'Għaliex inti ma titkellimx man-nies tad-dinja li jkunu jridu jkellmuk?' Egidio wieġbu: 'Jiena nixtieq li nkun ta' ġid għall-oħrajn, imma mingħajr ma nkun ta' ħsara għal ruħi. Inti ma tafx li hemm mumenti li fihom jiena nkun lest li nħallas somma kbira ta' flus, kieku kelli, aktar milli ningħata lill-oħrajn?' ... Fra Egidio imbagħad qal: 'Il-Mulej jgħid fl-Evanġelju li kull min iħalli lil missieru, jew lil ommu, jew lil ħutu subien u bniet minħabba ismu, jirċievi bil-mitt darba f'din id-dinja (cfr. Mt 19,29). Kien hemm raġel f'Ruma li daħal fl-Ordni tal-patrijiet Minuri, u jingħad li kellu proprjetà li kienet tiswa sittin darba aktar mis-somma li semmejtlek. Imma dak li l-Mulej jagħtina fid-dinja hu akbar, hekk li jiswa mitt darba aktar minn dawk is-sittin darba aktar li semmejtlek. Imma aħna nibqgħu fil-għama u fid-dlam dwar dan kollu. Jekk naraw raġel li jkollu grazzji kbar u virtujiet, aħna ma nifilħux għall-perfezzjoni tiegħu. Imma kieku konna tassew spiritwali, lanqas konna nkunu rridu li naraw, jew nisimgħu, jew ukoll ngħaddu maġenb xi ħadd, ħlief għal ħtieġa kbira. Wieħed għandu dejjem jipprova joqgħod għalih waħdu".

[20] L. WADDING, *Annales Minorum,* II (1221-1237), 488, juri kif Egidio kien ikkundanna lill-patrijiet li ma ħarsux ir-Regola.

[21] *24Gen,* 89-90: "Fra Elia, immedjatament wara l-mewt ta' l-imqaddes Franġisku, ħa l-inizjattiva li jibni knisja ta' kobor meraviljuż qrib Assisi, fuq għolja li kienet tissejjaħ l-għolja ta' l-infern (*Collis Infernus*). Imma wara li l-Papa Girgor IX, ta' tifkira hienja, qiegħed l-ewwel ġebla tal-knisja ta' l-imqaddes Franġisku, din issejħet l-għolja tal-ġenna (*Collis Paradiso*). Minn dan il-waqt, biex isib fondi għal din il-binja, fra Elia beda joħloq taxxi ta' kull

tip u ikkmanda li jitqiegħed vażun kbir ta' l-irħam quddiem il-bażilika, biex fih il-pellegrini jixħtu l-flus destinati għall-bini tal-knisja. Quddiem din id-dehra, għadd żgħir ta' aħwa ta' qdusija u safa ta' l-għaġeb, marru Perugia biex jistaqsu lil fra Egidio, li kien raġel tajjeb u qaddis, fuq dak li kien jaħseb dwar dan il-bini qisu fortizza u dwar il-mod kif kienu jinġabru l-flus, għax dan kien jidher li kien għal kollox kontra r-Regola. Fra Egidio weġibhom: 'Ukoll jekk dak il-kunvent kien kbir minn hawnhekk sa Assisi, għalija hi biżżejjed rokna ċkejkna biex fiha ngħix!' Billi huma komplew jinsistu dwar il-vażun ta' l-offerti, hu dar fuq fra Leone u qallu: 'Jekk inti ma jimpurtakx li ssalva ħajtek, mur u kisser dak il-vażun ta' l-irħam; imma jekk trid tgħix, ara li ma tagħmilx hekk, għax ikun iebes għalik li tissapporti l-persekuzzjonijiet ta' fra Elia'. Meta semgħu dawn il-kelmiet, fra Leone u sħabu marru lura Assisi u kissru dak il-vażun. Meta fra Elia sema' b'dak li għamlu, hu ordna l-qaddejja tiegħu biex isawwtuhom u keċċihom 'il barra minnn Assisi b'herra kbira".

[22] BARTOLOMEO DA PISA, *Liber de Conformitate*, in *Analecta Franciscana*, vol. 4 (Quaracchi: Coll. S. Bonaventurae, 1906), 208.

[23] *Dicta* XVI, 55-57. Il-Klarissi taw xhieda li, meta ġie jippriedka għandhom it-teologu Alexander of Hales, fra Egidio talbu jieqaf. Hu qallu li ried jippriedka, u beda jagħmel dan b'ħeġġa hekk kbira ta' l-Ispirtu s-Santu, qabel ma mbagħad ħalla lill-predikatur magħruf ikompli l-priedka. Klara baqgħet edifikata bl-imġieba ta' Alexander li ħalla lil Egidio jippriedka: "L-aħwa, ngħidilkom li dan l-imgħallem edifikani aktar milli kieku rajtu jirxoxta l-mejtin għall-ħajja". *Analecta Franciscana,* vol. 4, 208; *La Franceschina,* IV, 21.

[24] *Analecta Franciscana,* vol. 4, 86; *La Franceschina,* IC, 28.

[25] *Dicta*-Appendix I, 91. Fra Jacopone da Todi wkoll kanta kliem simili fil-*Laude* tiegħu: *Jacopone da Todi: The Lauds,* trans. S. & E. Hughes (NY: Paulist Press, 1982), 123. Rigward il-pożizzjoni ta' Egidio kontra l-istudji, cfr. *Dicta* XVI, 55-57. Il-Kronaka ta' l-24 Ministri Ġenerali wkoll tirrakkonta diskussjoni bejn Egidio u S. Bonaventura rigward ix-xjenza u l-imħabba ta' Alla: *24Gen,* 101.

[26] *24Gen.,* 86. Clareno jġib ukoll kliem oħrajn: "Il-qaddis Egidio, it-tielet fost l-aħwa li daħal fl-Ordni, imdawwal minn ċerti rivelazzjonijiet, kien jgħid: 'Il-ġlieda bdiet, u ma hemmx la s-saħħa, la l-ħin u lanqas l-għerf biex nieqfulha. Imbierek hu dak li jieqaf lill-għadu billi jaħrab u jistaħba, biex hekk isalva ruħu'" (*HTrb,* 115).

[27] *Arbor vitae* V, 3, 433. *Analecta Franciscana*, vol. 3, 87, Egidio jgħid lil wieħed mill-aħwa li jibqa' mistagħġeb li ma rax aktar patrijiet fl-infern, li hu ma kienx niżel 'l isfel biżżejjed, għax hemm, fil-qiegħnett, kienu jinsabu l-aħwa li ma kienux josservaw ir-Regola!

[28] Egidio jirċievi żjarat mill-Papa Girgor IX fl-1234 (*24Gen,* 104-105); mill-ministri ġenerali u provinċjali, inkluż S. Bonaventura (*24Gen,* 101); minn Donna Jacopa dei Settesoli (*24Gen,* 102); minn patrijiet oħrajn, partikolarment minn ċertu fra Gerardino (*24Gen,* 102-103 u *Analecta Franciscana,* vol. 4, 210-211); minn diversi predikaturi (*24Gen,* 109). Hu iltaqa' wkoll ma' Leone, Bernardo, Giacomo da Massa u żar lil Klara (*24Gen,* 110).

[29] *Arbor vitae* V, 433.

[30] Bonaventura jitkellem biss dwar id-dimensjoni kontemplattiva ta' Egidio. Hu ma jgħid xejn dwar l-esperjenza tiegħu tal-ħidma ta' l-id jew l-itineranza, u lanqas ma jitkellem dwar il-ġlieda bejn l-Ispiritwali u l-Komunità. Cfr. LM 3,4 (FSF 1152) u BERNARD DE BESSE, *Liber de Laudibus S. Francisci,* kap. 1 (FSF 1420): "It-tielet wieħed kien fra Egidio, raġel ta' qdusija ta' min jammiraha, li jingħad li l-Mulej kien tah il-grazzja li f'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-ġid ta' l-erwieħ, hu jgħin b'mod qawwi lil dawk li jitolbuh. Dan li qed niktbu għallimhulna u kixifhulna l-Ġeneral devot u l-Kardinal li semmejna (S. Bonaventura), li kien fela bir-reqqa dan kollu".

[31] *24Gen,* 110.

[32] *24 Gen,* 114-115.

[33] SALIMBENE DE ADAM, *Cronica,* ed. G. Scalia (Bari: G. Laterza, 1966), 810.

[34] *Analecta Franciscana,* vol. 4, 213.

[35] LM 3,4 (FSF 1152).

[36] *24Gen,* 101; *La Franceschina,* IV, 67.

[37] *24Gen,* 98.

[38] *Vita Aegidii,* kap. 18, in *24Gen,* 247.

# IL-FORMA TA' ĦAJJA TA' KLARA U L-ORDNI TAGĦHA FIL-MEDJUEVU (1)

*Lezlie Knox*
*[«Franciscan Studies» 64 (2006) 235-254]*

It-tieni ħajja ta' San Franġisk miktuba minn Tommaso da Celano titkellem dwar l-imħabba li kellu l-qaddis lejn il-komunità femminili li hu kien waqqaf f'San Damiano. Il-«Memoriale in Desiderio Animae» (1245-1247) tfaħħar il-virtujiet spiritwali tas-sorijiet, b'mod partikulari, l-impenn tagħhom ta' faqar apostoliku li huma kienu jaqsmu ma' l-ewlenin patrijiet Minuri. Tommaso jinnota li, għalkemm Franġisku kien iqatta' ftit ħin man-nisa, imma hu kien jagħraf il-qdusija tal-forma ta' ħajja tagħhom u wegħedhom li hu u l-patrijiet tiegħu kellhom jieħdu ħsiebhom spiritwalment. "Ftit qabel ma miet, ikkmanda bil-ħerqa li din (il-kura pastorali) kellha titkompla titwettaq għal dejjem: għaliex hu kien jgħid li kien l-istess u l-uniku Spirtu (cfr. 1Kor 12,11) li ħareġ lill-aħwa u lill-Povere Dame minn din id-dinja"[1]. Din ir-referenza pożittiva għar-rabta prattika u spiritwali bejn il-patrijiet u s-sorijiet hi unika f'kitba li soltu tisħaq x'aktarx dwar il-ħtieġa ta' distanza bejn l-irġiel u n-nisa konsagrati li mxew fuq il-passi ta' Franġisku.

Margaret Carney kienet waħda mill-ewwel studjużi li wriet id-diffikultajiet li kellu Tommaso meta kiteb dwar San Franġisk u s-Sorijiet Foqra ta' San Damiano[2]. Tommaso kellu juri li Franġisk kien ikkontrolla l-imħabba tiegħu lejn is-sorijiet biex hekk jipprovdi eżempju kemm bil-kliem kif ukoll bl-għemil dwar kif l-aħwa kellhom jaqduhom pastoralment. Hekk, il-wegħda tiegħu ta' kura dejjiema tas-sorijiet tiġi segwita minn storja li tisħaq dwar kemm hu kien ramament iżur il-monasteri tas-sorijiet. Bi kliem li jfakkarna fil-kapitlu 11 tar-Regola Bullata, il-bijografija tinsisti li dawk l-aħwa li jiġu magħżulin għall-ħidma li jaqdu l-komunitajiet femminili kellhom ikunu patrijiet li ma jurux ħeġġa għal dan l-apostolat u jkunu ta' fama qaddisa[3]. Il-paragrafu li jiġi wara joffri l-eżempji ta' aħwa li kienu ikkastigati talli marru għand is-sorijiet bla permess, ukoll jekk dan għamluh b'att ta' ħniena lejn qraba tagħhom[4]. Tommaso wkoll jgħid li San Franġisk kien isostni li seta' jagħraf biss żewġ nisa minn wiċċhom. Nistgħu nifhmu li dan seta' kien veru, jekk Celano jgħid li Franġisku ma kienx iħares lejn l-udjenza tiegħu meta kien jippriedka[5]. Dawn l-istejjer, flimkien ma' oħrajn li nsibu fil-Fonti Franġiskani, ġie li jagħtu l-impressjoni li Franġisku kellu antipatija lejn in-nisa[6]. Imma Carney u oħrajn jgħallmuna li rridu noqogħdu attenti biex naqraw dawn l-istejjer fid-dawl tat-tensjonijiet interni li fihom inkitbu l-Fonti. Speċifikament hawnhekk it-tensjoni kellha x'taqsam ma' l-obbligu ta' l-aħwa li jipprovdu kura pastorali lil numru dejjem akbar ta' monasteri ta' nisa[7].

Jekk din is-silta fil-«Memoriale in Desiderio Animae» tirrikonoxxi l-ugwaljanza spiritwali bejn il-patrijiet u s-sorijiet, imma hi tiskot rigward l-aktar waħda famuża fost is-Sorijiet Foqra, jiġifieri, Klara t'Assisi. Ċertament il-kuntrast bejn iż-żewġ bijografiji ta' Tommaso jolqotna. Fl-ewwel ħajja ta' San Franġisk (1228-1229) hu kien iddeskriva r-rwol ta' Franġisku li waqqaf il-komunità ta' San Damiano, u kien faħħar lil Klara u semmieha espliċitament. Tommaso ikkonkluda din is-sezzjoni billi għaraf li dawn in-nisa kien jixirqilhom storja għalihom infushom, hekk li hu stess donnu deher ħerqan li jiktibha[8]. Imma għoxrin sena wara, Tommaso lanqas biss isemmi lil Klara. Mill-ġdid, Margaret Carney kienet waħda mill-ewwel studjużi li identifikaw xi raġunijiet għal dan il-vojt. Il-mod kif Klara fehmet lil Franġisku dwar li s-sorijiet tagħha setgħu jħaddnu forma ta' ħajja mibnija fuq l-identifikazzjoni ma' Kristu fqir, ma setax jiġi mifhum hekk faċilment mill-Knisja, kif turi l-istorja tal-moviment Franġiskan femminili, li ingħata bixra monastika sa mill-bidunett[9]. L-insistenza tagħha li l-patrijiet kellhom jipprovdu kura pastorali lis-sorijiet, u li kellhom jgħixu skond għamla ta' faqar apostoliku assolut, kienet tidher bħala ċanfira għal dawk il-patrijiet li kienu jħarsu lejn Franġisku aktar bħala għajn ta' ispirazzjoni spiritwali milli bħala mudell letterali għall-istituzzjoni tagħhom. Skond Carney mhux possibbli li nistudjaw l-iżvilupp bikri ta' l-Ordni Franġiskan mingħajr ma nirreferu għall-ewwel mara Franġiskana[10].

Id-dokument, li r-riformaturi Franġiskani tas-seklu 15 identifikaw bħala «Regula Sanctae Clarae» (Regola ta' Santa Klara), jew il-«prima regula», hu magħruf ħafna, l-aktar bħala l-ewwel regola reliġjuża miktuba minn mara għan-nisa. Din ir-regola hi importanti għall-istoriċi li jistudjaw il-ħajja reliġjuża femminili. Klara u r-regola tagħha joffru l-espressjoni tal-ħajja ta' faqar apostoliku għan-nisa, ħaġa li kienet nieqsa fil-movimenti

femminili li kienu assoċjati ma' Ordnijiet mendikanti maskili, bħal fil-każ tad-Dumnikani. Klara hi leħen femminili li jiddefendi d-dritt tan-nisa li jorganizzaw il-ħajja istituzzjonali tagħhom skond l-istess idejali spiritwali li immotivaw lir-reliġjużi irġiel. Ir-riċerka ta' dawn l-aħħar snin ikkwalifikat l-istatus ta' Klara bħala fundatriċi ta' Ordni ta' sorijiet klawstrali Franġiskani[11]. L-istudjużi għamlu differenza bejn dawk il-komunitajiet marbutin ma' Klara u l-monasteru ta' San Damiano – flimkien ma' xi monasteri ċkejknin fil-Valle Spoletana – u l-Ordni ta' San Damiano, li jiġi meqjus bħala ordni monastiku tradizzjonali li rċieva l-forma istituzzjonali tiegħu mill-kurja papali qabel ma ġie inkorporat fl-Ordni Franġiskan[12]. Il-forma ta' ħajja ta' Klara irċeviet il-konferma papali jumejn qabel il-mewt tal-qaddisa, fid-9 ta' Awissu 1253, għalkemm kienu ftit il-komunitajiet fl-Italja li kienu adottawha. Bosta monasteri oħrajn kienu jsegwu xi waħda mir-regoli li kienu ingħatawlhom mill-Kurja Rumana, jew ir-Regola ta' Innoċenz IV (1247), inkella l-Kostituzzjonijiet ta' Ugolino (1219)[13]. Biex jagħti sens ta' unità lil din id-diversità fi ħdan it-II Ordni Franġiskan, il-Papa Urbanu IV ikkonferma regola ġdida għaxar snin wara l-mewt ta' Klara. Ir-Regola ta' Urbanu IV bil-Bulla «Beata Clara» (18 ta' Ottubru 1263) uffiċjalment waqqfet l-Ordni ta' Santa Klara u tat bidu għall-isem ta' "Klarissi" li bih huma magħrufin illum il-membri tat-II Ordni Franġiskan. Imma din ir-Regola ma tiddefinixxi bl-ebda mod il-karatteristika femminili tal-ħajja Franġiskana[14]. Ma ssemmi qatt il-forma ta' ħajja ta' Klara, imma biss ir-regoli mogħtijin mill-papiet. Hu importanti li ngħidu li, l-fatt li nirrikonoxxu li l-iżvilupp ta' l-Ordni Franġiskan femminili ma nistgħux nifhmuh sempliċement bħala moviment iċċentrat fuq Klara jew fuq il-mudell ta' San Damiano, ma jfissirx li nicħdu l-importanza storika ta' Klara u s-Sorijiet Foqra. Li ġara pjuttost, kif naraw, kien li l-awtorità kariżmatika ta' Franġisku u Klara kibru ħafna aktar fis-seklu 15, fi żmien ir-riformi Franġiskani, li matulhom ir-riformaturi kienu jħarsu lejn il-fundaturi bħala ispirazzjoni biex il-patrijiet u s-sorijiet jerġgħu lura għall-idejali ispirazzjonali ta' ħajjithom.

## *Il-Forma ta' Hajja ta' Klara u r-Riformaturi Franġiskani*

Fl-istorja ta' l-Ordni ta' Santa Klara miktuba fl-1519, Fra Mariano da Firenze jfaħħar il-moviment ta' riforma Osservanti tas-seklu 15, li reġġa' lill-Ordni Franġiskan għall-oriġini spiritwali tiegħu:

"F'dan iż-żmien diffiċli, bl-intervent tal-qaddisin serafiċi Franġisku u Klara, Alla li jista' kollox, fil-ħniena li soltu juri lejna, kif kien beda b'mod ta' l-għaġeb jaħdem bi rġiel sempliċi u lajċi foqra fl-Ordni, biex hekk isewwi u jirriforma l-Ordni tal-patrijiet minuri li kien f'ħerba sħiħa, hekk li dan ġie msebbaħ b'mod ta' l-għaġeb għall-qdusija u d-duttrina tiegħu, u żdied fil-għadd ta' fidili li ssieħbu miegħu minn kullimkien; hekk ukoll kullimkien bdew jinbnew monasteri ġodda ta' Santa Klara, u dan l-Ordni wera lilu nnifsu bħala wieħed ta' perfezzjoni u qdusija kbira. Alla l-aktar għoli tant qiegħed ħeġġa taqbad fil-qlub ta' dawn il-verġni mimlijin ħlewwa u nobbiltà, li huma ma kienux kuntenti bl-osservanza tar-regola tal-Papa Urbanu, imma riedu jimxu wara l-għarus bla tebgħa Kristu u wara l-glorjuż missier San Franġisk u l-omm Santa Klara, u hekk huma għażlu u riedu jimxu fl-osservanza tar-regola iebsa li kienet ġiet mogħtija lilhom mill-qaddisin Franġisku u Klara, li għalihom huma aċċettaw li jsofru persekuzzjonijiet, taħbit, u inkwiet, kif sejjer nuri"[15].

Mariano juri b'hekk li l-forma ta' ħajja ta' Klara reġgħet ġiet skoperta mir-riformaturi Osservanti ta' nofs is-seklu 15. Id-deskrizzjoni tiegħu hi aktar speċifika mill-bulli pontifiċji li jipprovdu l-eqdem evidenza għal din ir-riforma. Fit-12 ta' Mejju 1431 l-Papa Eugenio IV kien ħareġ l-ewwel sejħa għal riforma universali fl-Ordni ta' Santa Klara. Fil-Bulla «Ad statum singulorum» hu kien wera tħassib dwar il-ħajja laxka li kienet teżisti f'ħafna kunventi. Xi sorijiet kienu illaxkaw tant fid-dixxiplina, li bdew jgħixu ħajja ta' kumdità eċċessiva. Il-bulla wkoll tesprimi tħassib dwar l-iskandli li kienu jinqalgħu kuljum f'ħafna komunitajiet. Hekk il-Papa ikkummissjona lill-Ministru Ġeneral Guglielmo da Casale, biex jirriforma l-Klarissi billi jagħmel viżti fraterni, jinforza l-liġijiet tal-klawsura, u jara li titħares id-dixxiplina monastika. Hu kellu l-fakultà li jiddeponi lil dawk l-abbadessi li ma kienux tajbin għal din ir-riforma. Il-bulla wkoll tagħtu l-fakultà li jittrasferixxi s-sorijiet u l-proprjetà f'monasteri oħrajn, u wkoll li jgħaddi d-dħul ta' komunità lil komunità oħra, biex hekk iwettaq u jistabilixxi din ir-rifroma. Għalkemm «Ad statum singulorum» xeħtet piż fuq l-Ordni, imma ma fiha l-ebda indikazzjoni li dawn id-dmirijiet kienu xi ħaġa straordinarja[16].

Minkejja dawn il-preskrizzjonijiet u t-tħassib evidenti għall-qagħda tal-ħajja fil-monasteri Klarissi, it-ton tal-bulla papali hu wieħed ġeneriku. Ma tissemma l-ebda regola tas-sorijiet jew xi regola partikulari li huma jridu jħarsu, u lanqas ma jintalab il-Ministru Ġeneral biex jaħtar patrijiet mill-partit tar-riforma (Osservanti) biex jirregolaw is-



sitwazzjoni fil-monasteri. Il-bulla tisħaq pjuttost dwar il-liġi tal-klawsura monastika femminili. Fil-fatt, mill-istil tal-bulla, jidher li l-Papa ma kienx qiegħed jagħmel distinzjoni bejn il-Klarissi u ordnijiet reliġjużi femminili oħrajn. In-natura ġenerika tal-bulla turi kuntrast qawwi ma' l-approvazzjoni papali għall-organizzazzjoni fi ħdan l-Ordni tal-patrijiet Minuri[17]. Din id-differenza turi li Eugenio ma kienx iqis lill-Klarissi bħala parti mill-pjan ta' l-Osservanti għat-tiġdid ta' l-Ordni Franġiskan. Is-silenzju tal-Papa jqajjem ukoll mistoqsijiet dwar jekk hu kienx jaħseb li l-istess idejali reliġjużi kienux jimmotivaw iż-żewġ gruppi ta' reliġjużi, jew jekk kienx jaħseb li l-konnessjoni bejniethom kienet biss formalità legali.

Ir-rivalutazzjoni tar-Regola ta' Santa Klara hekk tqajjem mistoqsijiet dwar l-interess imġedded fl-idejali ta' Franġisku u Klara fost il-Franġiskani irġiel u nisa tas-seklu 15. Il-forma ta' ħajja Klarjana kienet tappella kemm lir-riformaturi irġiel kif ukoll nisa, minħabba l-fatt li r-Regola ta' Klara hi mudellata fuq ir-Regola Bullata tal-patrijiet Minuri. Il-Franġiskani Osservanti kienu jqisuh dmirhom li jħarsu b'mod rigoruż ir-Regola Bullata, imma huma kienu wkoll jaċċettaw id-dikjarazzjonijiet papali dwar il-faqar («Quo elongati», «Exiit qui seminat», «Exivi de paradiso»). Huma wkoll kellhom vokazzjoni ta' ħajja attiva: kienu predikaturi apostoliċi, legati papali, prosekuturi ta' l-ereżija, u kienu jaqdu l-ġerarkija ekkleżjastika fid-diversi sforzi tagħha biex tirriforma l-Knisja universali. Il-kwestjon dwar min kienu l-Klarissi «de Observantia» u x'kien jiddefinixxi l-grad ta' osservanza tagħhom kien aktar problematiku, kif juru xi inizjattivi biex terġa' tiddaħħal ir-Regola ta' Santa Klara fis-seklu 15. Giovanni da Capestrano, famuż bħala riformatur, predikatur, u diplomatiku papali, kien żviluppa l-pożizzjoni uffiċjali tal-patrijiet, u fil-ħidma tiegħu ftit kien juri sensitività lejn l-eredità purament spiritwali. L-istorja devozzjonali ta' Mariano da Firenze, li tinkludi bijografiji ta' Klarissi famużi, toffri viżjoni kontrastanti li kienet tinkorpora l-mod kif in-nisa reliġjużi klawstrali kienu jħarsu lejn il-kariżma tagħhom. Meta nqiegħdu dawn iż-żewġ tendenzi waħda kontra l-oħra, nistgħu nifhmu aħjar x'kien hemm fin-nofs għas-sorijiet, meta huma kienu qed jerġgħu jiskopru l-forma ta' ħajja ta' Klara u jippruvaw jinnegozjaw mal-komunità Franġiskana maskili li riedet tikkontrolla l-ħajja reliġjuża tagħhom.

## NOTI

[1] 2C 204 (FSF 915).

[2] M. CARNEY, "Francis and Clare: A Critical Examination of the Sources", *Laurentianum* 30 (1987) 25-60.

[3] 2C 205 (FSF 917).

[4] 2C 206 (FSF 918).

[5] 2C 112-114 (FSF 830-832).

[6] B. BOLTON, "Mulieres Sanctae", in *Women in Medieval Society,* ed. By S. Mosher Stuard (Philadelphia: University of Pennsylvania Press, 1976) 150.

[7] M. CARNEY, "Francis and Clare", 46-50; L. KNOX, "Audacious Nuns: Conflict between the Franciscan Friars and the Order of Saint Clare", *Church History* 41 (2000) 41-62.

[8] 1C 18-20 (FSF 218-219). Hemm min jgħid li

Tommaso da Celano hu l-awtur tal-*Legenda Sanctae Clarae Virginis*, miktuba fl-okkażjoni tal-kanonizzazzjoni ta' Klara fl-1255.

9 M.P. ALBERZONI, *Clare of Assisi and the Poor Sisters in the Thirteenth Century* (St. Bonaventure, NY: Franciscan Institute Publications, 2004).

10 M. CARNEY, *The First Franciscan Woman: Clare of Assisi and her Form of Life* (Quincy: Franciscan Press, 1993).

11 L. KNOX, "Clare of Assisi: Foundress of an Order?" in *Spirit and Life* 11 (2004) 11-29.

12 1C 20 (FSF 219): "Il-ħajja ta' l-għaġeb tagħhom u r-Regola ta' min ifaħħarha li huma rċevew mingħand il-Papa Girgor, meta kien għadu isqof ta' Ostia, jitolbu studju partikulari u opra iddedikata biss lilhom". Celano jagħmel qabża mid-deskrizzjoni tar-rwol ta' Franġisku fil-konverżjoni reliġjuża ta' Klara u t-twaqqif ta' San Damiano, għall-Ordni ta' San Damiano (Sorijiet Damianite), li hu jqisu bħala ordni reliġjuż imwaqqaf mill-Kardinal Ugolino (il-futur Papa Girgor IX) fis-sena 1219. Għal diskussjoni ta' din it-tema, cfr. J. DALARUN, *La Malavventura di Francesco d'Assisi: per un uso storico delle Leggende Francescane* (Milan: Edizioni Biblioteca Francescana, 1996); *The Misadventure of Francis of Assisi* (St. Bonaventure, NY: Franciscan Institute Publications, 2002).

13 L. OLIGER, "De Origine Regularum Ordinis S. Clarae", *Archivum Franciscanum Historicum* 5 (1912) 321-401.

14 Il-Bulla *Beata Clara* bir-Regola ta' Urbanu IV tinsab fil-*Bullarium Franciscanum* II, 509-521. Bil-Malti t-traduzzjoni uffiċjali hi dik fl-edizzjoni tal-Fonti għall-Ħajja ta' S. Klara (FSK 680-729).

15 MARIANO DA FIRENZE, *Libro delle Degnità et Excellentie del Ordine della Seraphica Madre delle Povere Donne Sancta Chiara da Asisi,* ed. G. Boccali OFM (Firenze: Edizioni Studi Francescani e S. Maria degli Angeli: Edizioni Porziuncola, 1986) par. 89.

16 Il-leġislazzjoni ta' dak iż-żmien kompliet titlob lill-patrijiet Minuri biex jipprovdu kura pastorali lin-nisa reliġjużi. Il-Bulla *Exiit qui seminat* (BF III,404-416) tal-Papa Nicolò III, fl-1279, saret id-dikjarazzjoni awtorevoli dwar id-dmirijiet pastorali tal-patrijiet, hekk li fl-1430, il-Kostituzzjonijiet Martinianae jikkwotaw din il-bulla fid-deskrizzjoni tad-dmirijiet pastorali tal-patrijiet lejn is-sorijiet. Cfr. *Annales Minorum,* vol. 10, 185.

17 EUGENIO IV, Bulla *Ad Statum singulorum* (*Bullarium Franciscanum*, I, nn. 1-12).

# IT-TIELET ORDNI FRANĠISKAN: TRADIZZJONI TA' ĦAJJA EVANĠELIKA (1)

*Ingrid Peterson OSF*
*[«Franciscan Studies» 64 (2006) 435-473]*

F'dan l-istudju sejrin insemmu fil-qosor il-mumenti ta' l-iżvilupp tal-ħajja evanġelika tat-Tielet Ordni Franġiskan fil-Knisja. Biex inkunu fidili għal dak li kien isostni San Franġisk, jiġifieri li l-eżempju hu aktar importanti mill-kliem, sejrin ukoll nitkellmu dwar irġiel u nisa li kienu membri tat-Tielet Ordni Franġiskan, u li l-Knisja iddikjarathom qaddisin u beati. Il-ħajja ta' konverżjoni radikali ta' San Franġisk t'Assisi, li għexuha wkoll id-dixxipli tiegħu fil-prattika tal-penitenza u karità, tinsab fil-qalba tal-vokazzjoni ta' l-aħwa irġiel u nisa tat-Tielet Ordni[1]. Il-konverżjoni drammatika ta' Franġisku tidher fit-tgħanniqa mal-lebbruż, fil-jum li fih il-qaddis dar mill-ħajja tiegħu ta' qabel biex jaqdi lill-oħrajn[2]. L-ewwel kapitlu tar-Regola tat-Tielet Ordni Regolari (1982) jiddeskrivi x-xewqa tal-membri tiegħu li jgħixu l-ħajja evanġelika fi spirtu ta' konverżjoni kontinwa[3]. Bl-istess mod ir-Regola ta' l-Ordni Franġiskan Sekular (1978) tinkludi l-konverżjoni bħala wieħed mill-elementi li jiddefinixxu din il-forma ta' ħajja[4]. Matul is-sekli l-istejjer tal-ħajjiet tal-penitenti Franġiskani membri tat-Tielet Ordni jkomplu juru kemm il-konverżjoni kif ukoll il-ħniena lejn l-oħrajn.

### Il-kliem ta' ħeġġa li San Franġisk kiteb lill-Penitenti (1209 u 1220)

Il-«Kliem ta' Ħeġġa lill-Aħwa Irġiel u Nisa tal-Penitenza» ta' San Franġisk jiffurmaw il-prologu tar-Regola ta' l-Ordni Franġiskan Sekular u tar-Regola tat-Tielet Ordni Regolari[5]. L-istudju ta' Robert M. Stewart «De illis qui faciunt poenitentiam» jinvestiga l-bidu tat-Tielet Ordni Franġisk fil-kuntest kulturali li fih twieled. Matul is-sekli 11 u 12 fl-Italja ta' fuq kienet żdiedet il-popolazzjoni u l-«comuni» u ċ-ċentri urbani kienu żviluppaw l-aktar minħabba l-kummerċ. Il-monasteru bħala ċ-ċentru ekonomiku u kulturali beda jonqos fl-importanza tiegħu u l-belt

saret il-post fejn kienet issir l-attività li kienet marbuta mal-flus: dik tal-merkanti, ta' l-artiġġjani, tal-bankiera. Iż-żjieda demografika fil-bliet ġabet magħha tibdil kemm fl-istrutturi soċjali kif ukoll f'dawk reliġjużi tal-poplu.

Il-movimenti ta' riforma tal-Knisja ippruvaw iwieġbu għal dan it-tibdil drammatiku. L-espressjoni aktar libera ta' l-istrutturi soċjali ġabet magħha poter, rikkezza u għarfien skolastiku għal ħafna aktar nies. F'din il-klima, li llum insejħulu trasferiment tal-paradigma kulturali, żviluppat ruħha wkoll sensibilità reliġjuża aktar wiesgħa. Minkejja li baqgħu l-inegwaljanzi soċjali, kienu bosta dawk il-gruppi ta' nies – bħalma kienu l-mendikanti, il-lajċi, il-kanoniċi regolari – li ippruvaw jaffaċċjaw l-inġustizzji soċjali li kienu jidhru quddiemhom ta' kuljum.

Il-ħajja evanġelika ta' l-appostli kienet tinftiehem li kellha tkun ukoll ippreżentata lill-insara kollha[6]. Din in-norma tat bidu għall-movimenti penitenzjali tas-sekli 12 u 13. Kienu bosta dawk il-gruppi ta' riforma lajkali li kienu jemmnu li l-perfezzjoni Kristjana kienet possibbli jekk wieħed jgħix skond l-Evanġelju u billi jaħdem għall-ġid komuni. Marie Dominique Chenu targumenta li l-gruppi ta' lajċi kienu f'pożizzjoni ħafna aħjar mill-gruppi l-oħrajn monastiċi biex jirritornaw għall-ħajja evanġelika[7]. Huma ma kienux marbutin minn strutturi istituzzjonali imma setgħu isegwu spontanjament il-passi ta' Ġesù fl-Evanġelju. Li jimxu wara l-Evanġelju kien ifisser li huma jipprattikaw il-beatitudni, jagħtu xhieda tal-fidi, juru mħabba lejn xulxin, u jaqsmu flimkien il-ġid tagħhom ma' dawk li kienu fil-bżonn.

Matul dan il-perjodu ta' tiġdid, il-kelma «penitenti», li qabel kienet tiddeskrivi kemm il-pellegrini kif ukoll dawk li jmorru bħala kruċjati, bdiet ukoll tiġi użata biex turi d-distinzjoni bejn kjeriċi u lajċi. Filwaqt li l-ħajja monastika kienet iċċentrata fuq il-ħajja tal-komunità bħala l-qofol tal-ħajja evanġelika, u filwaqt li l-kanoniċi regolari kienu jinsistu dwar ir-rabta bejn il-ħajja komunitarja u l-ħidma pastorali, il-predikaturi itineranti tal-medjuevu kienu jiffokaw dwar is-sejħa miftuħa għal kulħadd biex wieħed jimxi wara Kristu fil-faqar tiegħu. Hekk il-lajċi bdew jifhmu lilhom infushom bħala nies reliġjużi, ukoll jekk huma ma kienux identifikati ma' l-istituzzjoni monastika[8].

Fil-bidu tal-medjuevu, il-qdusija kienet titlob il-"ħarba mid-dinja", flimkien maċ-ċelibat u l-esklużjoni mill-attivitajiet soċjali u ekonomiċi tad-dinja sekulari. Billi l-pellegrinaġġ kien meqjus bħala għemil ta' penitenza, il-pellegrini, kif ukoll il-kruċjati, kienu jitqiesu bħala penitenti, għaliex kienu jieħdu sehem f'livell aktar għoli ta' perfezzjoni mill-insara oħrajn ordinarji. Hekk il-lajċi kienu jitqiesu li jgħixu bħar-reliġjużi. Kemm iż-żwieġ kif ukoll l-iżvilupp tas-sistema ekonomiku kienu magħrufin bħala parti mill-ispiritwalità ġdida tal-lajċi[9].

Qrib it-tmiem tas-seklu 12, meta ż-żwieġ kien jiġi meqjus b'mod aktar pożittiv, ma kienx hemm ħtieġa aktar li l-penitenti miżżewġin jgħixu l-kontinenza fir-relazzjonijiet tagħhom. Lejn tmiem is-seklu, meta Franġisku u Klara kienu għadhom f'żogħżithom, il-prattika tal-penitenza kienet saret il-komponenti ċentrali ta' l-espressjoni reliġjuża.

Il-«Kliem ta' Ħeġġa lill-Aħwa Irġiel u Nisa tal-Penitenza» ta' San Franġisk, li huma identifikati ma' l-ewwel redazzjoni ta' l-Ittra lill-Insara, jindirizzaw lill-penitenti irġiel u nisa, kemm dawk miżżewġin kif ukoll dawk ċelibi. L-ittra hi indirizzata lil dawk li jridu jgħixu u jagħmlu penitenza. Titlob lill-penitenti biex jagħmlu frott xieraq ta' penitenza bħala mod li bih japprofondixxu l-esperjenza tagħhom ta' Alla. Il-ħajja penitenzjali tibda b'relazzjoni intima ma' Alla, u ssir missjoni bejn l-aħwa li jsiru għarajjes, aħwa, u ommijiet[10].

## *Il-Penitenti fi żmien San Franġisk*

Il-kanoni 13 tal-Konċilju Lateran IV kien ipprojbixxa t-twaqqif ta' ordnijiet reliġjużi ġodda. Imma fl-istess ħin il-moviment tas-seklu 13 a favur tal-ħajja komunitarja kien tqawwa, l-aktar fi ħdan ta' gruppi ta' nisa Franġiskani[11]. L-oppożizzjoni papali għal dawn ir-regoli ġoddi wasslet għat-twelid ta' diversi gruppi awtonomi ta' eremiti nisa u rġiel, li ta' spiss kienu jinġabru madwar mexxej kariżmatiku. Douceline da Digne (1214-1274), identifikata mal-moviment tat-Tielet Ordni Franġiskan tal-bidu, iffurmat «beguinage» f'Heyeres, bl-għajnuna ta' ħuha, fra Hugh da Digne[12]. Il-grupp ta' Douceline kien jixbaħ il-grupp ta' «beghine» Fjammingi li kien organizzahom u iddefendihom l-isqof Jacques de Vitry. Dawn il-komunitajiet ta' nisa kienu qishom nofs triq bejn dawk tas-sorijiet u tan-nisa lajċi. Douceline u sħabha kienu jħalltu flimkien ħajja ta' talb ma' ħidma apostolika favur il-morda fis-soċjetà. Hi żammet il-proprjetà tagħha u kienet tqatta' sigħat twal fit-talb fil-knisja parrokkjali tagħha. L-esperjenzi tagħha ta' estsasi spiritwali kienu jagħtu xhieda pubblika għall-livel għoli ta' qdusija li kien possibbli wkoll fost il-lajċi.

L-istorja ta' Bonadonna u Luchesio (†1260), li ta' spiss huma meqjusin bħala l-ewwel lajċi li mxew wara Franġisku fit-Tielet Ordni, ukoll tiddrammatizza l-importanza tar-relazzjonijiet bejn il-penitenti[13]. Meta Luchesio, li kien negozjant

sinjur f'Poggibonsi, ikkonverta minn ħajja ta' kilba għall-flus, martu, li t-tradizzjoni semmietha Bonadonna (il-mara t-twajba) imitatu fil-karità li beda juri lejn l-oħrajn[14]. Luchesio u Bonadonna forsi ltaqgħu ma' Franġisku meta fl-1221 hu kien qed jippriedka Firenze u Poggibonsi, għaliex huma ftit wara bdew jimitaw l-eżempju tiegħu billi jaqsmu l-ikel tagħhom mat-tallaba u l-barranin. Meta ma kienx fadallu aktar ġid x'joffri, Luchesio beda jittallab għall-foqra u fihom beda jgħid li kien jara lil Kristu fqir. Skond it-tradizzjoni, il-bidla radikali ta' Luchesio u Bonadonna ġabet bosta barkiet fuq in-nies li kienu joqogħdu f'dawk l-inħawi. Il-ħajjiet tagħhom huma eżempju dwar kif is-sejħa ta' Franġisku għal-lajċi kienet wasslet għal tiġdid wiesgħa u intens fil-ħajja ta' l-insara.

Ftit wara li Franġisku "ħalla d-dinja", hu beda jfittex postijiet għall-ħemda u t-talb u waqqaf eremitaġġi għall-aħwa. Hu wkoll għamel kuraġġ lil-lajċi biex jgħixu ħajja spiritwali aktar intensa, bħalma kien il-każ tan-nobbildonna Prassede minn Ruma[15], Veridiana minn Castel Fiorentino (1182-1242) qrib Firenze[16], u Gerardo di Villamagna[17]. Skond Pazzelli, Franġisku kien dak li ispira t-twaqqif ta' dar għall-penitenti taħt id-direzzjoni ta' Bartolomeo di Baro, fuq il-mudell ta' l-Ordni tal-Penitenza tas-seklu 13[18]. Għalkemm id-dokumentazzjoni hi limitata minħabba n-natura sempliċi ta' l-eremitaġġi spiritwali tagħhom, l-eqdem dar tal-penitenti nistgħu ngħidu li kienet dik li twaqqfet għall-irġiel f'Monte Casale fl-1269, filwaqt li l-eqdem waħda tan-nisa kienet dik ta' Montefalco, imwaqqfa fl-1274.

Il-kunċett ta' penitenti solitarji jew «reclusi» malajr ċeda postu għal gruppi ta' penitenti li jgħixu flimkien fuq il-mudell Franġiskan. L-istejjer ta' żewġ eremiti verġni, Veridiana u Umiliana, kif ukoll il-każ ta' Santa Eliżabetta ta' l-Ungerija, jirrappreżentaw l-aspett solitarju u komunitarju tal-moviment penitenzjali Franġiskan tal-bidunett. It-tradizzjoni trid li Franġisku rċieva lil Veridiana bħala penitenti, x'aktarx meta fl-1221 hu mar jippriedka Firenze u fl-irħula viċini ta' Castel Fiorentino u Poggibonsi. Veridiana kellha ċella mingħajr bibien li hi bniet maġenb il-knisja ta' Sant'Anton Abbati, fejn hi kienet tqatta' ħajjitha bħala eremita fl-umiltà, fil-kura tal-foqra, fil-penitenza, u f'perjodi ta' talb solitarju. L-istejjer li baqgħu ippreservati fit-tradizzjoni popolari dwar Veridiana jitkellmu mill-qawwa tar-rieda tagħha fost persekuzzjonijiet spiritwali u dwar il-kuri mirakolużi li wettqet a favur tan-nies tat-Toscana.

Mara oħra semi-reliġjuża tal-moviment penitenzjali Franġiskan kienet Umliana dei Cerchi (1219-1246), li kienet temmen li kull darba li tiltaqa' ma' persuna fqira hi kienet tiltaqa' ma' Kristu stess[19]. Il-ħajjiet ta' Veridiana u ta' Umiliana kienu karatterizzati minn axxetiżmu estrem u mill-kapaċità li jwettqu mirakli li saru l-mezz kif ġie magħruf dan il-mudell ta' qdusija femminili[20]. Il-bijografu ta' Umiliana, fra Vito da Cortona, immudella l-qdusija tagħha fuq il-faqar ta' Franġisku meta irreżista l-familja tiegħu, u fuq il-kuraġġ ta' Anton Abbati li kien jirreżisti għall-ħbit tax-xitan. Għalkemm la l-familja aristokratika tagħha u lanqas żewġha ma kienu għenuha fil-valuri reliġjużi tagħha, Umiliana u seħbitha Ravenna kienu jiltaqgħu biex jitolbu, jżuru l-knejjes, u jagħmlu għemejjel ta' ħniena. Kienu jaqdu d-dmirijiet tad-dar b'ħerqa u kienu jgħixu mingħajr lussu u rabta mal-moda, u hekk kienu kabbru d-dħul tagħhom biex bih jgħinu lill-foqra tal-belt. Wara li miet żewġha, Umiliana saret eremita u kienet tgħix f'torri żgħir li kien maġenb il-palazz ta' missierha fiċ-ċentru ta' Firenze.

Waħda mill-aktar figuri magħrufin tal-moviment penitenzjali hi Santa Eliżabetta ta' l-Ungerija (1207-1232), li hi eżempju tal-mod kif l-ewwel penitenti Franġiskani kienu jwieġbu għall-ħtiġijiet ta' żmienhom. Filwaqt li t-Tielet Ordni kien għadu ma ġiex ġuridikament imwaqqaf matul ħajjitha, il-karità ta' Eliżabetta, l-imħabba tagħha għall-faqar, is-servizz għall-foqra u l-morda, u l-kuntatti tagħha ma' l-ewwel dixxipli ta' Franġisku, wasslu lill-gruppi Franġiskani tat-Tielet Ordni biex iqisuha bħala l-fundatriċi tagħhom. Ir-reġina Eliżabetta kienet determinata li tħaddan ħajja ta' faqar volontarju għaliex kienet għarfet li l-istil ta' ħajja tas-sinjuri u tal-klassijiet nobbli kien qiegħed jikkonsma b'mod inġust il-ġid li kien meħtieġ għall-għajnuna tal-bdiewa foqra. Hi bdiet tuża l-fondi pubbliċi biex tipprovdi l-kura lill-morda u twettaq għemejjel ta' ħniena. Wara li żewġha Ludwig miet waqt kruċjata, id-direttur spiritwali ta' Eliżabetta, Conrad ta' Marburg, mexxieha fit-triq tal-ħajja tal-penitenti Franġiskani u ta t-tonka griża li kienu jilbsu t-terzjarji penitenti[21].

### *Il-«Memoriale propositi» tal-Papa Girgor IX għall-Penitenti (1227)*

Il-kliem ta' ħeġġa li Franġisku kiteb lill-aħwa irġiel u nisa tal-penitenza kien segwit mill-«Memoriale propositi», jiġifieri l-liġijiet ġuridiċi li ħarġu fl-1227, meta l-Kardinal Ugolino sar Papa Girgor IX. Fost l-isforzi tal-Knisja permezz tal-Konċilju Lateran IV, li kien laqqgħu l-Papa Innoċenz III fl-1215, kien hemm iċ-ċentralizzazzjoni ta' l-awtorità. Il-«Memoriale

propositi» jidher li kien tweġiba għall-bżonn ta' struttura li tgħaqqad flimkien u tikkontrolla l-gruppi ta' penitenti. Stewart jikkwota gruppi oħrajn li kienu rċevew approvazzjoni papali għall-forma ta' ħajja tagħhom, inklużi l-Umiliati fl-1201, il-Poveri Cattolici fl-1206, u l-Poveri Lombardi fl-1210 u l-1212. Il-«Memoriale propositi» ma damx ma sar ir-regola tal-penitenti. Hu kien jobbliga lill-penitenti individwali biex jidħlu jagħmlu parti mill-moviment penitenzjali billi jingħaqdu fi fraternitajiet.

Il-Kardinal Ugolino, li kien il-Kardinal Protettur tal-patrijiet Minuri, li kien ġurista u figura li kellha influss qawwi, jidher li kien ħa f'idejh l-inizjattiva li jagħti żvilipp istituzzjonali lill-penitenti. Fl-1227 il-penitenti kienu kisbu importanza politika u kienu rċevew il-barka tal-Papa l-ġdid biex jikkonfermaw l-eżenzjoni tagħhom mis-servizz militari u jordnaw lill-awtoritajiet lokali biex ma jtaqqluhomx b'taxxi iebsin[22]. Stewart hu tal-fehma li l-«Memoriale propositi» jiddeskrivi l-penitenza bħala serje ta' preskrizzjonijiet ġuridiċi, filwaqt li l-kliem ta' ħeġġa ta' San Franġisk lill-aħwa irġiel u nisa tal-penitenza jiddeskrivi din il-ħajja f'termini bibliċi. Stewart jinnota li l-analiżi komparattiva ta' dawn iż-żewġ dokumenti wasslet lil Esser biex jikkonkludi li l-«Memoriale» ma fih l-ebda element "Franġiskan", għalkemm iż-żewġ dokumenti jipproponu l-mod ta' ħajja penitenzjali.

Il-mod li fih Franġisku u l-komunità tal-bidu kien jgħixu, kien jgħaqqad flimkien l-aspetti ta' l-ispirtu eremitiku, l-identifikazzjoni mal-lebbrużi tas-soċjetà, u l-predikazzjoni itineranti. Stewart jinsisti li dak li ghamel ġdid il-mod ta' ħajja ta' Franġisku kienet il-prattika tal-konverżjoni radikali, magħquda ma' fedeltà sħiħa mal-Knisja. Stewart jgħid li l-kliem ta' ħeġġa ta' San Franġisk kien iwassal lill-penitenti biex jgħixu fis-sempliċità, biex iħobbu u jfaħħru lil Alla, biex isumu u jagħmlu astinenza, u biex iħobbu lill-proxxmu; filwaqt li fil-«Memoriale» insibu x'aktarx l-insistenza dwar preskrizzjonijiet marbutin mal-modestja fl-ilbies, ħinijiet u metodi ta' talb, sawm u astinenza, restituzzjoni tal-ġid u projbizzjoni li l-penitenti jġorru l-armi. Stewart jargumenta li billi l-«Memoriale» kien aktar strutturat mill-kliem ta' ħeġġa li Franġisku kiteb lill-penitenti, tilef xi ftit mill-intenzjoni u spirtu oriġinali ta' Franġisku. Il-penitenza Franġiskana dejjem tibda bl-esperjenza ta' Alla li twassal lill-bniedem għall-indiema, għall-konverżjoni u għas-servizz. "The «Memoriale propositi» expresses the Franciscan way of penance only insofar as it is read and understood through the lens of the primitive Rule or the Later Exhortation"[23].

***Penitenti li organizzaw fraternitajiet skond il-«Memoriale propositi»***

Kien hemm diversi gruppi ta' penitenti li matul l-ewwel nofs tas-seklu 13 bdew jiffurmaw ruħhom fi fraternitajiet. Santa Rosa ta' Viterbo (1235-1253) ġabret madwarha gruppi ta' nisa żgħażagħ li bdew jgħixu l-ħajja penitenzjali. Fit-Toscana, Santa Margerita ta' Cortona (1247-1297) kienet tgħix ma' grupp ta' nisa li kienu jissejħu Piccole Sorelle Povere. Hi waqqfet l-ospizju ta' Santa Maria della Misericordia għall-morda. Angela da Foligno (1248-1309) kienet tmexxi grupp ta' aħwa irġiel u nisa li kienu jikkuraw il-lebbrużi fl-isptar ta' beltha[24].

Ispirata mill-fedeltà tagħha lejn il-Knisja taħt it-theddida dejjem tikber ta' l-imperatur Federiku II, Rosa da Viterbo kienet ħadet rwol ta' mexxejja pubblika, u wkoll għamlet użu mir-rwoli tradizzjonalment tal-kjeriċi bħala predikatriċi u profeta. Wara li Federiku II iddenunzja lill-Papa Innoċenz IV, li qabel kien wegħdu l-fedeltà tiegħu, il-Knisja saret għadu ta' l-imperatur. L-armata ta' Federiku invadiet l-istati tal-Papa u Innoċenz kellu jaħrab fl-eżilju. Rosa kella biss ħames snin meta l-armati imperjali invadew Viterbo biex jirbħu l-belt għall-Imperatur. Ta' tfajla hi kienet tilbes l-ilbies sempliċi tal-foqra, u bis-salib f'idejha kienet toħroġ tippriedka fit-toroq ta' Viterbo, Soriano, u Vitorchiano, u tħeġġeġ liċ-ċittadini għat-tiġdid spiritwali u għall-fedeltà lejn il-Knisja.

Rosa kienet issostni li l-imġieba ta' Federiku II kienet kriminali u li ċ-ċittadini ta' Viterbo ma kellhomx iwiegħdu ubbidjenza lejn dan il-mexxej skomunikat. Iċ-ċittadini ikkonvertew bil-qawwa tal-kelma tagħha u bl-eżempju ta' qdusitha. Il-partiti li baqgħu fidili lejn l-imperatur heddew lil Rosa, u ġiegħlu lill-familja tagħha biex taħrab mill-belt. Il-missjoni ta' Rosa intemmet fl-1250, meta kellha biss ħmistax-il sena, u meta l-mewt ta' Federiku temmet il-persekuzzjoni tal-Knisja u ippermettiet lil Viterbo biex tiċħad il-partit tal-Ghibellini u iddur lura għall-fedeltà lejn il-Papa. Rosa kienet ħabbret minn qabel kemm il-mewt ta' Federiku kif ukoll li hi kellha tindifen f'monasteru tal-Klarissi.

Meta irritornat lejn beltha Rosa fittxet kenn mal-Klarissi tal-Monasteru ta' Nostra Signora delle Rose. Billi s-sorijiet kienu jibżgħu jilqgħuha biex jagħtuha kenn, Rosa ġabret grupp ta' nisa f'dar qrib il-monasteru u tat bidu għal komunità ta' Sorijiet ta' Penitenza. L-abbadessa tal-Klarissi, meta rat li l-grupp ta' Rosa kien issa qiegħed ukoll jakkwista għajnuniet ta' karità għat-twaqqif tiegħu, talbet breve papali biex tipprojbixxi li xi komunità ta' nisa

penitenti li tiddependi mill-karità tan-nies setgħet aktar qrib minn distanza ta' erba' mili mill-monasteru ta' Viterbo. Mingħajr ma għamlu appell, in-nisa tal-grupp ta' Rosa reġgħu lura fi djarhom, u hi qattgħet l-aħħar sentejn ta' ħajjitha f'ċella ċkejkna fid-dar tal-ġenituri tagħha. Fl-1278 il-ġisem ta' Santa Rosa ittieħed għad-difna fil-monasteru tal-Klarissi, fejn għadu sallum.

Margerita ta' Cortona hi penitenti oħra li l-eżempju tagħha ġibed bosta nisa oħrajn. Il-ħajja tagħha hi simbolu tal-konverżjoni radikali għall-ħajja ta' penitenza. Għal disa' snin Margerita għexet bħala s-sieħba ta' wieħed żagħżugħ nobbli minn Montepulciano, li kien jagħtiha dak kollu li kienet tixtieq. Meta dan safa' maqtul, hi irritornat il-proprjetà tiegħu lill-familja tiegħu, u flimkien ma' binha bdiet tgħix ħajja ta' faqar u penitenza. Għalkemm kienet pubblikament meqjusa bħala mara midinba, Margerita irnexxielha li takkwista dar minn żewġ nisa nobbli, u fl-età ta' 27 sena bdiet mixja ta' direzzjoni spiritwali taħt Fra Giunta, patri Franġiskan li mbagħad sar il-bijografu tagħha[25]. Skond l-istil ta' ħajja tal-penitenti, Margerita kienet tgħix billi tgħin lin-nisa tqal u billi tinseġ u twettaq għemejjel ta' karità u qadi lejn il-foqra u l-morda fid-djar u fl-ospizji. Il-grupp ta' nisa terzjarji li nġabru madwar Margerita bil-mod il-mod żviluppa fil-Piccole Sorelle Povere. Margerita mietet 23 sena wara l-konverżjoni tagħha, meta kellha 50 sena. Hi popolarment magħrufa bħala l-Maddalena Franġiskana.

Ir-regola li Angela da Foligno kitbet għall-komunità mħallta ta' terzjarji, titkellem dwar l-imitazzjoni tal-ħajja attiva ta' Ġesù bħala triq ta' qdusija. Għalkemm Angela għarfet u għamlet esperjenza ta' Alla permezz tat-talb, hi tgħallmet taċċetta l-faqar, it-tbatija u l-grazzja li tilqa' ż-żeblieħ mill-oħrajn. Il-konverżjoni ta' Angela wara l-mewt tal-familja tagħha, id-deċiżjoni li tgħix f'Santa Anna ġewwa Foligno, fejn kien hemm komunità ta' Spiritwali, u l-ministeru tagħhom ħeġġitha biex hi tgħaddi ħajja intensa ta' esperjenzi mistiċi. L-esperjenzi ta' Alla li hi kellha ġew miktubin fil-«Memoriale», li hi kitbet fid-djalett ta' l-Umbria u li l-iskriba tagħha Fra A. (Arnaldo?) imbagħad ikkupjah bil-Latin.

Il-messaġġ ta' Angela kien dak li tkun fidila lejn il-komunità tal-bidu ta' San Franġisk, u għalhekk hi ħaddnet bosta elementi li kienu għeżież għall-Ispiritwali, li kienu jemmnu fi stil ta' ħajja iebes ta' faqar assolut, umiltà, u sempliċità[26]. Huma ma kienux jaċċettaw kunventi, jew privileġġi, jew prestiġju. Riedu jkunu foqra, disprezzati u mżebilħin, għax hekk kienu jsostnu li kien ried San Franġisk. Filwaqt li t-tagħlim ta' Angela jaqbel f'ħafna elementi ma' dak ta' fra Ubertino da Casale, Angela ma tidħolx fil-kwestjonijiet tal-firdiet li kien hemm fi ħdan l-Ordni tal-patrijiet Minuri, u li Ubertino tant kien tkellem dwarhom[27].

### *Penitenti lajċi li mxew fuq il-«Memoriale propositi» u qdew lill-foqra*

Filwaqt li bosta penitenti kienu jinġabru fi djar ta' komunitajiet biex jimitaw l-ewwel aħwa madwar San Franġisk, oħrajn kienu jgħixu l-idejali evanġeliċi tiegħu mingħajr is-support ta' komunità. Wieħed minn dawn il-penitenti kien San Ivo ta' Brittany (1253-1303), li kien magħruf bħala "l-avukat tal-foqra". Kien raġel nobbli, imwieled fi Franza tat-tramuntana, li kien studja teoloġija, kif ukoll il-liġi kanonika u ċivili fl-Universitajiet ta' Pariġi u Orleans. Wara l-ordinazzjoni tiegħu fid-djoċesi ta' Tréquier u l-affiljazzjoni tiegħu mal-Franġiskani lajċi, hu ġie maħtur imħallef fil-qrati tal-Knisja, fejn żviluppa fama li kien ġust, u li kien jgħin lill-foqra, lir-romol u lill-orfni biex dawn ikollhom kawżi ġusti. Ivo ġie kanonizzat fl-1347[28].

Penitenti ieħor kien San Ludoviku IX (1214?-1270), li llum hu magħruf bħala wieħed mill-patruni ta' l-Ordni Franġiskan Sekular. Meta kellu 12-il sena, Ludoviku ġie inkurunat re ta' Franza, fi żmien ir-reġġenza ta' ommu Blanche ta' Castile. Il-patrijiet Franġiskani għenu biex jedukaw lil Ludoviku għall-pożizzjoni rjali tiegħu u għall-impenn tiegħu fil-Knisja. Hu sar Franġiskan sekular li waqqaf sptarijiet, bena knejjes, mexxa t-tagħlim, u għex ħajja axxetika. Hu kien iżomm listi ta' nies foqra fil-provinċji tas-saltna tiegħu u kien regolarment jipprova jgħinhom fil-miżerja tagħhom[29].

Fis-snin 1248-1254 Ludoviku mexxa kruċjata biex jirbaħ l-Art Imqaddsa mill-infidili. Hu mar fl-Afrika ta' fuq, rebaħ Damietta fl-Eġittu, imma inqabad priġunier. Dawk li qabduh talbuh li jiċħad il-fidi biex ikun jista' jinxtara lura. Hu ċaħad li jagħmel dan, u fl-aħħarnett ġie meħlus. Hu ġab 'il quddiem il-ġustizzja u l-paċi fl-amministrazzjoni ċivili tiegħu, u intalab biex ikun medjatur ta' paċi minn mexxejja oħrajn Kristjani. Billi beda jibża' li l-Musulmani riedu javanzaw fis-Sirja, Ludoviku mexxa kruċjata oħra (1267-1270), imma wasal biss f'Tunisi, fejn marad bil-pesta u miet meta kellu 44 sena. Ġie kanonizzat 27 sena wara, mill-Papa Bonifazju VIII fl-1297.

***NOTI***

[1] R. FALEY TOR, "Biblical Considerations on *Metanoia*", *Analecta TOR* 13, fasc. 123 (1974); stampat ukoll fi *Resources for the Study of the Third Order Regular Rule,* K. Moffatt OSF ed. (Washington DC: Franciscan Federation, 1994), no. 2 [abbrevjat *Resources for the TOR Rule*].

[2] Fit-Testment tiegħu ta' l-1226, Franġisku jħares lejn il-laqgħa tiegħu mal-lebbruż bħala l-mument veru tal-konverżjoni tiegħu: "Il-Mulej ta lili fra Franġisk, il-grazzja li nibda nagħmel penitenza hekk: għaliex, billi jiena kont ngħix fid-dnub, id-dehra ta' l-imġiddmin kienet għalija wisq ta' min jistmerrha. Iżda l-Mulej innifsu mexxieni f'nofshom, u jiena urejt ħniena magħhom. U wara li qdejt dmiri, dak li qabel deherli li hu morr, inbidel għalija fi ħlewwa għar-ruħ u għall-ġisem; u mbagħad, qagħad ftit, u ħriġt mid-dinja" (Test 1-3: FSF 187).

[3] *The Rule and Life of the Brothers and Sisters of the Third Order Regular of St. Francis and Commentary,* American-English Commentary by M. Carney OSF and Thaddeus Horgan (Washington DC: Franciscan Federation 1997), 19.

[4] R.M. STEWART, *"De illis qui faciunt poenitentiam". The Rule of the Secular Franciscan Order: Origins, Development, Interpretation* (Roma: Istituto Storico dei Cappuccini, 1991), 315-315.

[5] FSF 38-39.

[6] P. RIVI, "Francis of Assisi and the Laity of his Time", *Greyfriars Review* 15, Supplement (2001).

[7] M.D. CHENU, *Nature, Man and Society in the Twelfth Century: Essays on the New Theological Perspectives in the Latin West,* J. Taylor and L. Little trans. (Chicago: University of Chicago Press, 1968), 219.

[8] Stewart, 117-118, nota 123, jispjega li d-distinzjonijiet tagħna kontemporanji bejn id-diversi kategoriji ta' "reliġjużi" u "sekulari" ma jaqblux neċessarjament mal-mod kif kienu mifhumin fil-medjuevu. Il-kleru kien jinkludi l-isqfijiet u s-saċerdoti li kienu jiġu ordnati għall-kura ta' l-erwieħ, filwaqt li l-oħrajn kollha kienu meqjusin bħala lajċi. Dawn l-insara meqjusin bħala lajċi kienu jinkludu l-monaċi irġiel u nisa, il-patrijiet, il-penitenti, u r-reliġjużi kollha, bħalma kienu Franġisku u d-dixxipli tiegħu, Ortolana, omm S. Klara, li kienet pellegrina, Klara u s-Sorijiet Foqra ta' San Damiano. Skond id-distinzjonijiet li nagħmlu llum, dawn kienu aktar meqjusin bħala lajċi milli bħala reliġjużi.

[9] R. PAZZELLI TOR, *St. Francis and the Third Order. The Franciscan and Pre-Franciscan Penitential Movement* (Chicago: Franciscan Herald Press, 1989).

[10] EpFid I,8-10 (FSF 38): "Aħna għarajjes, meta r-ruħ ta' dawk li huma mimlijin bil-fidi tingħaqad mal-Mulej tagħna Ġesù Kristu fl-Ispirtu s-Santu. Aħna ħutu, meta nagħmlu r-rieda ta' Missieru li hu fis-smewwiet. Aħna ommijietu, meta nġorruh fil-qalb u fil-ġisem tagħna bl-imħabba divina u bil-kuxjenza safja u sinċiera; inwellduh bl-għemejjel qaddisa, li għandhom jiddu quddiem l-oħrajn bħala eżempju".

[11] R. PAZZELLI TOR, *The Franciscan Sisters: Outlines of History and Spirituality,* A. Mullaney TOR, trans. (Steubenville: Franciscan University Press, 1993), 6.

[12] PAZZELLI, *Franciscan Sisters,* 13. K. GARAY and M. JEAY, *The Life of Saint Douceline, a Beguine of Provence,* translated with Introduction, Notes and Interpretative Essay (Cambridge: D.S. Brewer, 2001); P. RANFT, "The Appeal of the Apostolica" in *Women and the Religious Life in Premodern Europe* (New York: St. Martin's Press, 1996), 671-677.

[13] LEON DE CLARY, *Lives of the Saints and Blessed of the Three Orders of Saint Francis,* translated from the *Aureola Seraphica*, 2:131-137, issemmi *vita* ta' Luchesio u Bonadonna li ġiet miktuba fl-1322 minn Bartolomeo Tolomei u ġie reviżjonata fl-1477 minn Bartolomeo Colle, li kien dixxiplu ta' S. Ġwann minn Capestrano. L. BIERSACK OFMCap, *The Saints and Blessed of the Third Order of St. Francis* (Paterson, NJ: St. Anthony Guild Press, 1943); C. HALLACK and P.F. ANSON, *These Made Peace: Studies in the Lives and Beatified and Canonized Members of the Third Order of Saint Francis of Assisi* (Paterson NJ: St. Anthony Guild Press, 1957); *The Franciscan Book of Saints,* Marion Habig OFM, ed. (Chicago: Franciscan Herald Press, 1979); *The Franciscan Saint of the Day* (Cincinnati: St. Anthony Messenger Press, 1981); *Day By Day With Followers of Francis and Clare,* P. McCLOSKEY, ed. (Cincinnati: St. Anthony Messenger Press, 1999); "Franciscan Women: History and Culture, a Geographical and Bio-bibliopgraphic Internet Guide", in www.franwomen.sbu.edu

[14] I. PETERSON OSF, "Thirteenth-Century Penitential Women: Franciscan Life in the Secular World", *Studies in Spirituality* 12 (2002), 43-60, titkellem mill-ħajjiet ta' Bonadonna u Luchesio, Veridiana, Umiliana, Eliżabetta ta' l-Ungerija, u Rosa da Viterbo.

[15] TOMMASO DA CELANO, *Tractatus Miraculorum*, 181 (FSF 1121): "Prassede kienet magħrufa mhux ħażin fost ir-reliġjużi nisa ta' Ruma

u ta' l-inħawi tal-belt ta' Ruma. Sa minn meta kienet għadha ċkejkna, għall-imħabba ta' l-Għarus ta' dejjem, kienet ingħalqet f'ċella dejqa u hemmhekk kienet ilha għal erbgħin sena sħaħ. Ma' San Franġisk kellha l-grazzja ta' ħbiberija speċjali. Għaliex il-qaddis kien laqagħha fl-ubbidjenza, ħaġa li hu ma kien għamel ma' l-ebda mara oħra, u bil-qima kollha kien taha l-libsa tar-reliġjon, jiġifieri t-tonka u l-kurdun".

[16] PAZZELLI, *Franciscan Sisters,* 16. Cfr. DE CLARY, vol. 1, 239-249 għall-verżjoni Ingliża tal-leġġenda ta' Veridiana flimkien ma' xi qaddisin oħrajn popolari Franġiskani, imma mhux tant magħrufin. E. PAZSTOR, "Ideals of the Women's Hermitage Movement in Europe during the 12th-15th Centuries", in *Franciscan Solitude,* A. Cirino OFM and J. Raischl SFO, eds. (St. Bonaventure, NY: Franciscan Institute, 1995).

[17] PAZZELLI, *St. Francis and the Third Order,* 198. Cfr. M. HIGGINS, "St. Francis and the Eremitical movement", *Analecta TOR* 32 (2001), 87. Gerardo di Villamagna kien penitenti li jingħad li laqgħu S. Franġisk. Twieled fl-1150 u sar magħruf għax kien idewwi l-pellegrini fl-Art Imqaddsa.

[18] PAZZELLI, *St. Francis and the Third Order,* 199; G. ANDREOZZI, "Il Bartolomeo Baro nelle Fonti Storiche e nella Tradizione", in *Prime Manifestazioni di Vita Communitaria, Maschile e Femminile, nel Movimento Francescano della Penitenza (1215-1247)* (Rome: Analecta TOR, 1982), 507-541.

[19] DE CLARY, vol. 2, 278. Cfr. A. BENVENUTI-PAPI, "Umiliana dei Cerchi: Nascita di un Culto nella Firenze del Dugento", *Studi Francescani: Rivista Nazionale Italiana* 77 (1980) 87-110. F'dan l-istudju tippreżenta lil Umiliana bħala mexxejja li ġġib il-paċi fil-gwerra politika bejn il-Guelfi u l-Ghibellini.

[20] D. WEINSTEIN and R.M. BELL, *Saints and Society: The Two Worlds of Western Christendom, 1000-1700* (Chicago: University of Chicago Press, 1982) 34-36.

[21] DE CLARY, vol. 2, 89, n. 11, jgħid li billi Eliżabetta kienet tilbes ilbies tal-penitenza u għamlet il-voti, il-martiroloġju Ruman jiddijaraha patruna kemm tal-fergħa sekulari kif ukoll ta' dik regolari tat-Tielet Ordni Franġiskan. Skond il-prattika komuni tan-nisa medjevali, il-voti ta' Eliżabetta x'aktarx kienu voti privati ta' verġinità u faqar, u mhux it-tliet voti kanoniċi ta' faqar, kastità u ubbidjenza. G. SCHINELLI TOR, "Elizabeth of Hungary, Medieval Princess or a Sharper Image?" *The Cord* 50 (2000) 281-288.

[22] B. BOLTON, "Innocent III's treatment of the Humiliati", in *Popular Belief and Practice,* Studies in Church History 8, G. Cuming and D. Baker, eds. (Cambridge: Cambridge University Press, 1972), 82: "[the Penitents] were perpetually harnessed in the service of the church".

[23] Stewart, 201.

[24] P. PÉANO, *Le Religiose Francescane: Origini, Storia e Valori Costanti* (Roma: Movimento Francescano, 1983), 17. L-awtur jitkellem dwar id-dixxipli ta' Rosa, Margherita u Angela bħala eżempji ta' ħajja penitenzjali Franġiskana. Dan l-istudju ġie wkoll tradott bl-ingliż: *Bearing Christ to the People: the Franciscan Sisters, Their Origins, History and Persisting Values,* A. Mullaney TOR and Th. Edwards TOR, trans. (Steubenville: Franciscan University Press, 1996), 34.

[25] J. CANNON and A. VAUCHEZ, *Margherita of Cortona and the Lorenzetti: Sienese Art and the Cult of a Holy Woman in Mediaeval Tuscany* (University Park: The Pennsylvania State University Press, 1999). M. D'ALATRI OFMCap., "The Order of Penance in the Legend of Margaret of Cortona", *Greyfriars Review* 9 (1995) 69-79; A. POMPEI OFMConv., "Concept and Practice of Penance in Margaret of Cortona and Angela of Foligno", *Greyfriars Review* 4 (1990) 99-133.

[26] J. MOORMAN, *A History of the Franciscan Order from its Origins to the Year 1517* (Chicago: Franciscan Herald Press, 1988) 192.

[27] P. LACHANCE, "Introduction", *Angela of Foligno: Complete Works* (New York: Paulist Press, 1993), 110-111. L-opra ta' Angela minn Foligno ġiet ukoll ippubblikata fil-Classics of Western Spirituality Series.

[28] McCLOSKEY, *Day by Day with Followers of Francis and Clare,* 50; BIERSACK, *The Saints and Blesseds of the Third Order of Saint Francis,* 68-69.

[29] L. FOLEY OFM, *Saint of the Day: Lives and Lessons for Saints and Feasts in the New Missal* (Cincinnati: St. Anthony Messenger Press, 1990) 217-219.

# IS-SORIJIET FRANĠISKANI: STORJA U SPIRITWALITA (10)

*Raffaele Pazzelli TOR*

### *Is-Sorijiet Franġiskani fis-seklu 20*

Il-Papa Ljun XIII ippubblika l-Kostituzzjoni «Conditae a Christo» fit-8 ta' Diċembru 1900. Għall-ewwel darba l-Kongregazzjonijiet ġodda ta' voti sempliċi setgħu jitwaqqfu bl-approvazzjoni biss ta' l-Isqof djoċesan. Permezz ta' din il-Kostituzzjoni l-Istituti reliġjużi ġew maqsumin f'dawk djoċesani u f'dawk pontifiċji. L-Istituti djoċesani kienu jirċievu biss l-approvazzjoni ta' l-Isqof lokali, filwaqt li dawk pontifiċji kienu jirċievu d-«decretum laudis» u l-approvazzjoni tal-Kostituzzjonijiet mis-Santa Sede.

Fis-16 ta' Lulju 1906 il-Papa San Piju X ippubblika l-«motu proprio» «Dei Providentis», li fih hu iddikjara li t-talba għall-permess mis-Santa Sede kellha dejjem issir qabel it-twaqqif ta' xi familja reliġjuża ġdida. Sentejn wara ġiet imwaqqfa l-Kongregazzjoni għar-Reliġjużi fil-proċess ta' rijorganizzazzjoni tal-Kurja Rumana li kien wettaq Piju X fil-Kostituzzjoni «Sapienti Consilio» tad-29 ta' Ġunju 1908. Din il-Kongregazzjoni bdiet issegwi t-twaqqif ta' Kongregazzjonijiet ġodda u tħejji x-xogħol għal dak li kellu x'jaqsam mar-reliġjużi fil-pubblikazzjoni tal-Kodiċi tal-Liġi Kanonika ta' l-1917.

Kien ukoll fil-bidu tas-seklu 20 li qamu xi Kongregazzjonijiet ġodda ta' Franġiskani nisa.

### *Is-Sorijiet Franġiskani Terzjarji tal-Beata Angelina ta' Montegiove*

Din il-Kongregazzjoni twieldet mill-ġdid, wara li kienet ġiet soppressa mill-Papa Piju II fl-1461. Il-monasteru tal-Beata Angelina ta' Foligno kien aċċetta l-klawsura fl-1615 u baqa' jeżisti bħala monasteru ta' sorijiet klawstrali. Imma fit-tieni nofs tas-seklu 19, biex is-sorijiet jevitaw li jitkeċċew mill-monasteru, bdew jingħataw għall-ħidma ta' edukazzjoni. Il-monasteru nnifsu kien ġie maħtuf bħala proprjetà ta' l-istat, imma fl-1879 is-sorijiet talbu, u qalgħu, id-dispensa mil-liġi tal-klawsura. Is-sorijiet bdew jilqgħu fosthom l-«educande», tfajliet li kienu jidħlu għal skopijiet ta' edukazzjoni. Fl-1886, bil-barka tal-Ministru Ġeneral P. Bernardino Dal Vago da Portogruaro OFM, il-monasteru fetaħ skola u s-sorijiet bdew jgħallmu fiha. Fl-1903 is-sorijiet akkwistaw id-dispensa totali mill-klawsura u l-permess li jbiddlu l-abitu reliġjuż. Għalkemm xi drawwiet monastiċi baqgħu jinżammu, l-monasteru biddel il-fiżjonomija tiegħu f'kunvent ta' sorijiet Terzjarji ta' ħajja attiva, u twaqqfu kunventi f'Assisi, Anzio, Morione, Roma, Amelia u Viterbo. Fl-1923 l-Istitut sar wieħed pontifiċju.

### *Is-Sorijiet Franġiskani ta' Kristu Re, Venezia (1907)*

Dan l-Istitut kellu l-bidu tiegħu fl-1878, meta żewġ sorijiet mill-Kongregazzjoni Franġiskana tat-«Terzjarji ta' San Ġużepp», li kienu ġew aboliti bil-liġi tas-soppressjoni ta' l-1866, iddeċidew li jwaqqfu Istitut ġdid. Dawn kienu Paola Ferrari, li fir-reliġjon ħadet l-isem ta' Swor Maria Chiara del Sacro Cuore, u Luigia Penso, li ħadet l-isem ta' Swor Maria Luigia di Gesù. Akkwistaw l-approvazzjoni mill-Patrijarka ta' Venezia fl-1907. Sadanittant is-Sorijiet Franġiskani Terzjarji ta' San Ġużepp, li kienu ġew soppressi fl-1866, kienu reġgħu twieldu minn komunità ta' Franġiskani Terzjarji li bdew fl-1459 fil-kunvent ta' San Francesco della Vigna ta' Venezia, minn Maria Benedetta Carignano u Angelica Canal. Din il-fondazzjoni kienet ġiet approvata mill-Papa Sistu IV fl-1471. Dawn kienu iddedikaw ruħhom għal sekli sħaħ għall-edukazzjoni tat-tfajliet foqra. Fl-1878 saru Istitut ġdid u ħadu l-isem ta' Sorijiet Franġiskani ta' l-Assunta u San Ġużepp, filwaqt li ħaddnu r-Regola tat-Tielet Ordni Regolari ta' Ljun X. L-Istitut ġdid irċieva d-«decretum laudis» fl-1937 u l-approvazzjoni finali tal-Kostituzzjonijiet fl-1949. L-attività ta' dan l-Istitut illum tkompli fl-Italja, Brazil, Africa ul Albania. Fl-1986 il-Kongregazzjoni kellha 431 sorijiet professi.

### *Ulied il-Ħniena tat-Tielet Ordni Franġiskan (1919)*

Din il-Kongregazzjoni twieldet fi Blato, fil-Kroazja, fl-1919, bil-ħidma ta' Swor Marija ta' Ġesù Kurċifiss, magħrufa bħala Maria Petkovic. Fid-djoċesi ta' Dubrovnik fl-1906 kien hemm Kongregazzjoni ta' sorijiet minn Brescia dedikati għall-edukazzjoni ta' tfajliet. Dawn kellhom jitilqu mill-ex-Jugoslavja minħabba l-gwerra fl-1918. L-Isqof ta' Dubrovnik, Josef Marcelic, ippropona li lMaria Petkovic, li kienet Terzjarja Franġiskana, biex tkompli l-ħidma tagħhom. Hekk twieldet il-

Kongregazzjoni ġdida. Fl-1936 l-ewwel sorijiet marru l-missjoni fl-Amerika ta' isfel. Hemm fetħu orfanatrofji u skejjel fl-Argentina, Parguay, Cile, Peru, u Uruguay. Fi żmien il-ħakma komunista s-sorijiet komplew jagħtu l-ħidma tagħhom fl-isptarijiet statali, u fl-1952 kellhom dar ġeneralizja f'Ruma. Fl-1974 il-Kongregazzjoni kellha aktar minn 500 soru professi.

### *Ir-Regola ta' Piju XI (1927)*

Il-Kodiċi tal-Liġi Kanonika ippubblikat fl-1917 kien talab għal reviżjoni tar-Regoli u l-Kostituzzjonijiet ta' l-Ordnijiet u l-Kongregazzjonijiet reliġjużi. Fil-każ tar-reliġjużi nisa Franġiskani, dawn kienu jħarsu r-Regola ta' Ljun X ta' l-1521. Imma bosta mill-Istituti femminili kienu twieldu fi ħdan knejjes lokali u kellhom biss l-approvazzjoni ta' l-Isqof djoċesan. Ir-Regola ta' Ljun X bdiet tidher li kienet barra minn żmienha.

Ġara li l-Ministru Ġeneral tal-Patrijiet Minuri Kapuċċini, P. Giuseppe Antonio da Persicelo, 1920-1926, ħa l-inizjattiva li fl-1922 jipprepara Regola ġdida għal xi 60 Kongregazzjoni ta' Sorijiet Terzjarji aggregati ma' l-Ordni tiegħu. Is-Sagra Kongregazzjoni tar-Reliġjużi fl-1924 wieġbet li hi kienet taqbel li r-Regola ta' Ljun X tiġi mibdula, imma li kellha tmiss ukoll l-irġiel Terzjarji Regolari u mhux biss in-nisa. Hekk fit-13 ta' April 1926 il-Papa approva Regola ġdida tat-Terzjarji Regolari Franġiskani, imħejjija mill-4 Ministri Ġenerali ta' l-I Ordni. Din ir-Regola ġiet promulgata fl-4 ta' Ottubru 1927 fi tmiem is-7 ċentinarju mill-mewt ta' San Franġisk u mdaħħla fil-Kostituzzjoni Apostolika «Rerum Conditio». Kellha 8 kapitli u kienet issegwi mill-qrib ir-Regola ta' Ljun X. Hi baqgħet torbot lill-Franġiskani Terzjarji Regolari kollha, irġiel u nisa, sal-Konċilju Vatikan II.

### *Il-gwerra ċivili Spanjola, t-tieni gwerra mondjali u l-ħakma komunista*

Il-bidu tas-seklu 20 kien ra fi Franza diversi liġijiet ta' sekularità li ħonqu l-attività ta' Ordnijiet reliġjużi. Diversi reliġjużi kellhom iħallu l-pajjiż u jmorru jaħdmu fil-missjonijiet.

Kienet aktar serja s-sitwazzjoni fi Spanja waqt il-gwerra ċivili Spanjola ta' l-1936-1939. Din il-gwerra ipproduċiet numru kbir ta' martri, frott ta' politika anti-klerikali u anti-reliġjuża, li kienet ċaħħdet lir-reliġjużi mid-dritt li jkollhom skejjel u li jgħallmu. Skond ċifri uffiċjali, fost il-vittmi tal-persekuzzjoni kien hemm 4317 qassisin djoċesani, 2489 reliġjużi irġiel, 283 reliġjużi nisa u 249 seminaristi.

Wara t-taħwid li ġabet magħha t-tieni gwerra dinjija, fl-Ewropa tal-lvant nassistu għall-bidu tal-ħakma komunista, li ġabet persekuzzjonijiet tar-reliġjużi f'pajjiżi bħall-ex-Cekoslovakkja, Ungerija u Rumanija. Fil-każ ta' l-Albanija l-provinċja kollha ta' l-Annunzjata, tal-Patrijiet Minuri, li kienu r-reliġjużi l-aktar numerużi, ġiet kważi meqruda għal kollox. Din is-sitwazzjoni wasslet għal qawmien ġdid mill-1990, li rat il-waqgħa tal-komuniżmu f'ħafna pajjiżi ta' l-Ewropa tal-lvant.

### *Preparativi għal Regola ġdida tat-Tielet Ordni Regolari*

Fl-ispirtu tad-dokumenti konċiljari «Lumen Gentium» u «Perfectae Caritatis», inħasset il-ħtieġa li tiġi rinnovata r-Regola tat-Tielet Ordni Regolari mogħtija mill-Papa Piju XI fl-1927.

Fl-1965 ħamsa u għoxrin Kongregazzjoni ta' Sorijiet Franġiskani fi Franza u l-Belġju iltaqgħu flimkien biex jagħmel studju u proġett fuq ir-Regola bit-tama li tingħata «Regola ta' Ħajja lis-Sorijiet Franġiskani». Dan id-dokument tlesta fl-1972, u fi Franza kien popolari ħafna. Fl-istess perjodu saret l-istess ħaġa fl-Olanda, fejn ħareġ dokument ġdid fl-1967, filwaqt li proġett simili sar fil-Ġermanja, f'dokument li baqa' jiġi studjat sa l-1979.

Ir-4 Kungress Interobeddjenzjali tat-Tielet Ordni Regolari iltaqa' f'Madrid fl-1974. Dan il-Kungress ħejja dokument imsejjaħ «Ftehim dwar il-ħajja penitenzjali Franġiskana», li kien magħruf ukoll bħala d-Dokument ta' Madrid.

Imma dawn l-isforzi kollha, għalkemm notevoli, ma kienux frott ta' xogħol komuni, hekk li kull grupp nazzjonali ħadem għal rasu. Kien għalhekk li inħasset il-ħtieġa li ssir assemblea ġenerali f'Assisi għal studju aktar approfondit li jwassal għall-preżentazzjoni ta' Regola ġdida lill-Franġiskani Regolari tat-Tielet Ordni.

### *Il-Laqgħat ta' Assisi fl-1976 u l-1979*

Il-proġett magħmul mis-Sorijiet Franġiskani fi Franza wassal biex tissejjaħ Assemblea Internazzjonali ta' Sorijiet Franġiskani f'Assisi f'Ottubru 1976. Kien hemm preżenti wkoll rappreżentanti tal-fergħa maskili tat-Tielet Ordni Regolari, li innutaw li dan it-tentattiv ta' Regola ġdida kien jirrigwarda biss lis-Sorijiet u kien jeskludi l-Patrijiet Terzjarji Regolari. Fuq kollox kien jittraskura l-element tal-Franġiskani Sekulari, li dejjem kellhom Regola waħda ma' dawk Regolari, u l-element penitenzjali tal-kariżma Franġiskana tagħhom.

Saret it-tieni laqgħa Internazzjonali ta' Sorijiet Franġiskani f'Assisi f'Ottubru 1979. Din il-laqgħa wkoll kienet okkażjoni biex jiġu murija diversi punti li fuqhom ma kienx hemm qbil, imma fi tmiem il-kungress il-membri aċċettaw li jadottaw il-proġett tas-Sorijiet Franġiskani ta' Franza bħala «instrumentum laboris» għat-tfassil ta' Regola ġdida, f'kollaborazzjoni mal-fergħa maskili tat-TOR. Talbu wkoll il-parir ta' l-4 familji ta' l-I Ordni Franġiskan. L-istess laqgħa tat bidu għall-«International Franciscan Bureau» (BFI), u l-«International Franciscan Commission» (CFI), biex ikollhom is-superviżjoni fuq il-proġett tar-redazzjoni tar-Regola u jistabilixxu metodoloġija biex jitfassal id-dokument finali.

### *Il-Laqgħa ta' Grottaferrata, 8-10 ta' Marzu 1980*

Din il-laqgħa saret biex jiġu flimkien iż-żewġ kummissjonijiet li semmejna fil-paragrafu ta' fuq, flimkien ma' rappreżentanti u periti mill-4 familji ta' l-I Ordni Franġiskan. Saret fi Grottaferrata, barra Ruma, fejn il-Franġiskani Missjunarji ta' Marija (FMM) għandhom kunvent kbir li qabel kien in-novizzjat tal-Kongregazzjoni. Fost id-deċiżjonijiet li ittieħdu, kien hemm dawn li ġejjin:

Kellha tinkiteb Regola waħda u komuni kemm għall-Patrijiet kif ukoll għas-Sorijiet tat-Tielet Ordni Regolari ta' San Franġisk.

Ir-Regola kellha tesprimi l-valuri fundamentali ta' l-ispiritwalità Franġiskana, b'tali mod li kull Kongregazzjoni ssib elementi li fihom tilmaħ il-kariżma oriġinali tagħha. Dawn l-elementi fundamentali kellhom jinkludu l-faqar, il-minorità, il-penitenza-konverżjoni, u l-kontemplazzjoni.

Id-dokument bażilari kellu jkun dak approvat fil-Laqgħa ta' Assisi, imma kellu jiġi emendat biex jirrispondi għas-sitwazzjonijiet ġodda ta' reliġjużi irġiel u nisa li jaħdmu flimkien għal Regola komuni.

Grupp ta' ħidma kellu jħejji d-dokument tar-Regola taħt is-superviżjoni tal-CFI, u jiġi megħjun minn 4 esperti, wieħed minn kull familja ta' l-I Ordni.

Il-Kongregazzjonijiet kollha li kienu jipprofessaw ir-Regola tat-Tielet Ordni Franġiskan kellhom jiġu notifikati dwar ix-xogħol kollu li kien sar sa issa, biex iressqu l-proposti u s-suġġerimenti tagħhom.

Kien jeħtieġ aktar ftehim bejn is-Sorijiet Franġiskani li kienu jappoġġjaw il-proġett Franċiż u dawk li kienu jappoġġjaw il-proġett ta' Madrid. Għax jekk kien veru li l-Kongregazzjonijiet ta' Sorijiet Franġiskani twieldu b'ispirazzjoni penitenzjali Franġiskani, kien veru wkoll li xi wħud minnhom kienu twieldu taħt dipendenza diretta tal-Patrijiet Minuri u l-Klarissi, bi skopijiet speċifiċi ta' apostolat skond iż-żmien li fih kienu twieldu.

### *Id-Draft Reute ta' l-1980 u d-Draft ta' Bruxelles ta' l-1981*

Il-Grupp ta' ħidma beda x-xogħol tiegħu f'Reute fil-Ġermanja mill-1 sa l-10 ta' Settembre 1980. Il-CFI u l-BFI iddeċidew li jibgħatu dan id-draft tar-Regola lill-Kongregazzjonijiet kollha, biex ikollhom il-proposti u t-tweġibiet tagħhom. Dawn kellhom jaslu sal-15 ta' April 1981.

Sadanittant iż-żewġ kummissjonijiet komplew bil-laqgħat tagħhom f'Ruma (8-9 ta' Novembru 1980), Alassio (12 ta' Diċembru 1980), u Montpellier fi Franza (26-27 ta' Frar 1981). L-iskop ta' dawn il-laqgħat kien dak li titħejja Assemblea Ġenerali tas-Sorijiet Franġiskani tat-Tielet Ordni Regolari. Ġie deċiż ukoll li ssir laqgħa biex id-Draft Reute terġa' tinkiteb mill-ġdid.

Din il-laqgħa saret fi Bruxelles, il-Belġju, mill-10 sa l-20 ta' Mejju 1981. Il-Kongregazzjonijiet li kienu bagħtu l-proposti u s-suġġerimenti tagħhom kienu 250. Ġie ifformulat dokument ġdid, imsejjaħ id-Draft ta' Bruxelles, bl-iskop li servi ta' preparazzjoni għall-Assemblea Ġenerali li kellha ssir f'Ruma fl-1982.

### *L-Assemblea Ġenerali ta' Ruma*

L-Assemblea saret fid-«Domus Pacis» f'Ruma mill-1 sa l-10 ta' Marzu 1982. Kienet l-akbar laqgħa li qatt saret fl-istorja tal-Kongregazzjonijiet maskili u femminili ta' Terzjarji Regolari. Kienu preżenti 192 superjuri ġenerali, jew id-delegati tagħhom. Il-parteċipanti b'kollox kienu 260 ġejjin minn 37 pajjiż.

Id-delegati bil-mod il-mod waslu għall-konklużjoni li r-Regola komuni tat-TOR kellha tesprimi l-unità tat-Tielet Ordni, filwaqt li l-Kostituzzjonijiet kellhom jesprimu d-diversità tal-Kongregazzjonijiet li jikkomponuh. Ġew ippubblikati l-Atti ta' din l-Assemblea. Fl-aħħarnett, id-dokument finali tar-Regola, approvat mill-Assemblea, ġie ippreżentat lill-Kongregazzjoni għar-Reliġjużi u Istituti Sekulari.

Il-Kardinal Prefett tal-Kongregazzjoni, Eduardo Pironio, ħabbar li fit-30 ta' April 1983 kellha tingħata l-konferma Pontifiċja tar-Regola l-ġdida tat-Tielet Ordni Regolari ta' San Franġisk.

Ir-Regola tat-Tielet Ordni Regolari ta' San Franġisk ġiet ikkonfermata mill-Papa Ġwanni Pawlu II permezz tal-«breve» «Franciscanum vitae propositum» tat-30 ta' April 1983, u issa hi r-Regola

li jipprofessaw il-Franġiskani irġiel u nisa kollha tat-Tielet Ordni Regolari. Is-siġill ta' approvazzjoni papali jġib id-data tat-8 ta' Diċembru 1982.

### *Il-Konferenza Franġiskana Internazzjonali (CFI) 1985*

Fi tmiem l-Assemblea Ġenerali kien ġie deċiż li kellha titwaqqaf Conferenza Franġiskana Internazzjonali, li tiġbor fi ħdanha dawk l-Istituti kollha li jipprofessaw ir-Regola l-ġdida tat-Tielet Ordni Regolari.

Fid-19 u l-20 ta' Ottubru 1985 saret Assemblea oħra f'Assisi, li għaliha kienu preżenti s-superjuri ġenerali kollha tal-familja tat-Tielet Ordni Regolari. Matul din l-Assemblea ġew discussi u approvati l-Istatuti tal-Konferenza Internazzjonali ta' l-Istituti tal-Patrijiet u s-Sorijiet tat-Tielet Ordni Regolari ta' San Franġisk. L-iskopijiet ta' din il-Konferenza kienu jinkludu l-kollaborazzjoni mal-familji ta' l-I Ordni Franġiskan u ma' l-Ordni Franġiskan Sekular, li mat-TOR jieħu sehem mill-istess kariżma.

Il-President tal-Konferenza Franġiskana Internazzjonali llum tagħmel parti mill-grupp ta' Ministri Ġenerali tal-familja Franġiskana. Il-Kunsill Permanenti tat-TOR jieħu sehem ukoll bħala «Non-Governmental Organization» fil-Ġnus Magħquda.

### *L-Aggregazzjoni ma' l-I Ordni*

Bosta Istituti femminili ta' Franġiskani tat-Tielet Ordni twieldu b'għaqda speċjali ma' xi waħda tal-familji ta' l-I Ordni Franġiskan, li tissejjaħ «aggregazzjoni». Fil-passat l-aggregazzjoni kienet timplika xi forma ta' tmexxija ġuridika ta' l-I Ordni fuq l-Istitut partikulari, imma llum, skond il-Liġi Ekkleżjastika, din timplika kollaborazzjoni f'aspetti spiritwali, li dejjem għandha tħares l-awtonomija kanonika ta' l-Istitut li jkun aggregat.

Fl-1983 kien hemm 7 Kongregazzjonijiet aggregati b'mod sħiħ mal-Patrijiet Franġiskani, u 270 Kongregazzjonijiet femminili affiljati. Il-Konventwali kellhom 4 Kongregazzjonijiet aggregati u 35 Kongregazzjonijiet femminili affiljati. Il-Kapuċċini kellhom 9 Kongregazzjonijiet aggregati u 89 Kongregazzjonijiet femminili affiljati. It-Terz Ordni Regolari kellu tnejn Kongregazzjonijiet aggregati u 32 Kongregazzjonijiet femminili affiljati.

TMIEM.

# KOTBA:

### *Il-Franġiskani fl-Art Imqaddsa*

GIUSEPPE BUFFON OFM, *Les Franciscains en Terre Sainte (1869-1889). Religion et politique. Une recherche institutionnelle,* Les Éditions du Cerf – Les Éditions Franciscaines, (29, boulevard La Tour-Maubourg, 75340) Paris 2005, pp. 606, ISBN 2-204-07410-1 (www.editionsducerf.fr), €77.00.

Dan l-istudju voluminuż ta' storja ekkleżjastika u franġiskana hu frott ta' riċerka bir-reqqa ta' P. Giuseppe Buffon. L-awtur twieled fl-1963 fi Treviso, l-Italja, u hu patri Franġiskan. Speċjalizza fl-istorja ekkleżjastika u għandu dottorat mill-Università Pontificia Gregoriana ta' Ruma, u fl-antropoloġija fl-École des hautes études à Paris, u jgħallem fl-Università Pontificia Antonianum ta' Ruma.

L-awtur jitkellem minn perjodu speċifiku ta' l-istorja, jiġifieri l-aħħar kwart tas-seklu 19. F'dan iż-żmien Franza, li għal sekli sħaħ kienet tipproteġi l-Franġiskani tal-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa, minħabba li kienet għaddiet minn bidla kbira wara r-rivoluzzjoni ta' l-1789, u kienet tesprimi ruħha bħala qawwa repubblikana, riedet li fl-Art Imqaddsa tiffavorixxi dawk il-kongregazzjonijiet reliġjużi «nazzjonali», jiġifieri li twieldu fi Franza, a skapitu tal-Franġiskani. Il-Franġiskani ta' l-Art Imqaddsa bdew jiġu ippreżentati bħala patrijiet "inutli", "arretrati", "injuranti", "ineffikaċi", li ħallew lix-"xiżmatiċi" (Griegi Ortodossi) jisirqulhom is-santwarji minn taħt idejhom. Hekk Franza repubblikana bdiet taħdem biex fl-Art Imqaddsa jidħlu l-Karmelitani, il-Frères des Ècoles Chrétiennes, il-Missjunarji ta' l-Afrika (White Fathers), l-Assunzjonisti, is-Sorijiet ta' Saint Vincent de Paul, u d-Dumnikani. Skond il-politika ta' Franza repubblikana dawn l-ordnijiet u kongregazzjonijiet reliġjużi kellhom il-qawwa li jaħdmu kontra l-attiviżmu protestanti li kienu jsostnu l-Ingilterra u l-Ġermanja, li kellhom interessi politiċi fil-Palestina. Id-diplomatiċi tar-Repubblika Franċiża kienet waslu biex jakkwistaw, permezz tal-kardinal Lavigerie, l-approvazzjoni ta' Ruma għall-pjan tagħhom. Il-Kustodja Franġiskana ta' l-Art Imqaddsa opponiet dan in-nazzjonaliżmu Franċiż bl-unika qawwa li qatt kellha: il-fatt li hi internazzjonali. Kienet l-istruttura organizzativa tal-Kustodja li dejjem għenet lill-Franġiskani fl-Art Imqaddsa biex jisgiċċaw minn

kull kontroll ta' ħakmiet politiċi li riedu jassruhom, u li tathom forza u reżistenza biex baqgħu stabbli f'posthom bħala l-patrijiet ta' kulħadd, proprju għax kienu jġibu fil-missjoni ta' l-Art Imqaddsa patrijiet minn kull pajjiż.

L-awtur joħroġ bit-teżi interessanti li l-funzjonalità ta' l-Ordni Franġiskan jikkonsisti proprju fl-ekwilibrju bejn l-aspett demokratiku tiegħu u l-kapaċità li jinnegozja, li hu jsejjaħlu «anarkija razzjonali». Din il-qawwa għenet lill-patrijiet Franġiskani tal-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa f'dan iż-żmien diffiċli biex jisgiċċaw minn taħt id-dwiefer tal-qawwiet ewropej li riedu joħolqu politika nazzjonalista fl-Art Imqaddsa, biex hekk din il-missjoni żammet l-identità qawwija Franġiskana tagħha.

Fl-introduzzjoni l-awtur jagħti ħarsa storika sintetika, imma eżawrjenti, dwar l-elementi prinċipali li taw identità Franġiskana lill-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa. Fl-1333 il-Franġiskani rnexxielhom jidħlu b'mod deċiżiv bħala kustodji taċ-Ċenaklu bis-saħħa tar-re ta' Napli Roberto d'Anjou u r-reġina Sancha de Maiorca, li xtraw il-kunvent tal-Monte Sijon (Ċenaklu) għall-Franġiskani mis-sultan tal-Mameluki Al Nasr Mohammad. Miċ-Ċenaklu l-Franġiskani bdew juffiċjaw fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, fil-Bażilika tan-Nativitā f'Betleħem, u fil-Qabar tal-Verġni Marija f'Ġerusalemm. Fil-21 ta' Novembru 1342 il-Papa Klement VI, fil-bulli «Gratias agimus» u «Nuper charissimae», irrikonoxxa lill-patrijiet Minuri bħala l-kustodji uffiċjali ta' l-Art Imqaddsa. Fl-1365 il-Franġiskani kellhom kunvent f'Betleħem, u bdew jakkwistaw santwarji ġodda (1365 il-Grotta tal-Ħalib; 1392 il-Grotta tal-Ġetsemani). Mill-bidunett il-Kustodja kellha normi ġuridiċi biex jiggarantixxu l-internazzjonalità tagħha. Fl-1746 dawn ġew iffissati b'tali mod li jkunu fissi wkoll l-uffiċċji fil-Kustodja (drawwa li tneħħiet biss fl-1980). Hekk il-Kongregazzjoni ta' Propaganda Fide ikkmandat li l-Kustodju kellu jkun Taljan, nominat direttament mill-Ministru Ġeneral ta' l-Ordni; il-Vigarju Kustodjali kellu jkun Franċiż; il-Prokuratur kellu jkun Spanjol; u l-erba' Diskrieti kellhom ikunu Taljan, Franċiż, Spanjol u Ġermaniż. Dan għaliex dak iż-żmien il-maġġoranza assoluta tal-patrijiet kienet tiġi minn dawn in-nazzjonijiet ewropej, li mbagħad saru «protetturi» tal-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa quddiem is-«sublime porta» tat-Torok Ottomani li kienu jaħkmu l-Palestina.

Fl-1847 il-Papa Piju IX kien reġa' waqqaf il-Patrijarkat Latin ta' Ġerusalemm, mhux mingħajr diffikultajiet għall-Kustodja, li qabel kienet waħedha preżenti fil-Palestina (il-patri Kustodju kien meqjus bħala Vigarju Apostoliku għall-Orjent b'ġurisdizzjoni tixbaħ lil dik episkopali), u protesti kbar mill-Knisja Griega Ortodossa, li tqis li l-uniku Patrijarka leġittimu ta' Ġerusalemm hu dak Grieg. Fl-istess żmien (1869-1889) l-Ordni tal-Patrijiet Minuri kien għaddej minn perjodu ta' stabilità u rifjoritura, bil-ġeneralat ta' P. Bernardino Dal Vago da Portogruaro (fundatur ta' l-«Antonianum» f'Ruma, tal-«Collegio S. Bonaventura» ta' Quaracchi, u ta' l-«Acta Ordinis Minorum», u ħabib kbir tal-Beata Marie de la Passion, fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani Missjunarji ta' Marija). Sadanittant kienet taħraq il-famuża «Kwestjoni tal-Postijiet Qaddisa», li kienet tqajjmet mill-ġdid fl-1855 mill-ministru ta' l-affarijiet barranin u ambaxxatur ta' Franza quddiem is-Santa Sede, M. Rayneval. Ir-Repubblika ta' Franza, li fl-imgħoddi kienet indaħlet għall-Franġiskani quddiem is-«sublime porta» meta dawn tilfu d-drittijiet tagħhom (l-aktar fl-inċidenti koroh ta' l-1757 meta l-Griegi Ortodossi ħatfu l-Bażilika ta' Betleħem, il-Qabar tal-Madonna, u partijiet kbar mill-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu), baqgħet tippretendi li tkun hi waħedha li tiddefendi l-interessi tal-Franġiskani fl-Art Imqaddsa. Imma fil-fatt l-iskop veru kien li Franza tidħol bil-politika tagħha u b'diplomazija fil-Palestina u fit-tqassim tal-preżenza tar-reliġjużi Kattoliċi.

Il-volum fih żewġ taqsimiet, waħda li titkellem dwar il-Kustodja u dwar ir-reliġjużi li daħlu fl-Art Imqaddsa f'dan il-perjodu, u l-oħra li titkellem dwar il-manuvri politiċi ta' Franza mas-Santa Sede, u mal-qawwiet politiċi interessati fir-reġjun (Russja, Turkija). Wieħed isib ukoll bibljografija abbundanti dwar is-suġġett, lista' ta' dokumenti, 44 ritratti storiċi ta' valur kbir, u indiċi tal-materji li jiġu trattati. Dan l-istudju hu kontribut uniku u għal kollox ġdid fl-istorja ta' l-Ordni Franġiskan u tal-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa. Wara aktar minn seklu, wieħed jista' jħares b'kalma lejn dawn il-ġrajjiet li, għal darba oħra, jikkonfermaw li l-patrijiet Franġiskani tal-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa, kienu, għadhom, u jibqgħu esperti tas-sopravvivenza fl-Art ta' Ġesù, kontra kull theddid minn barra u minn ġewwa.

## *Kummentarju ġdid dwar ir-Regola ta' S. Franġisk*

FERNANDO URIBE OFM, *La Regla de San Francisco. Letera y Espiritu,* Editorial Espigas, (Instituto Teológico Franciscano, Plaza B. Andrés Hibernón, 3 – E-30001) Murcia 2006, pp. 390, ISBN 84-86042-64-X, www.franciscanos-ofm.org




L-awtur jispjega t-titlu ta' din l-opra, li hi kummentarju għar-Regola Bullata tal-Patrijiet Minuri. Hu jgħid li l-espressjoni «letera y espiritu» ħadhom minn 2Kor 3,6: "L-ittra toqtol, imma l-Ispirtu jagħti l-ħajja", kif ukoll mit-Twissija 7 ta' San Franġisk, li tibda b'dawn il-kelmiet. L-istudju jagħmel parti minn grupp ta' kummentarji dwar ir-Regola li jissejħu «del nuevo curso», u li bdew madwar is-sena 1955. Dawn juru differenza mill-espożizzjonijiet tradizzjonali tar-Regola, li kienu jitkellmu prevalentement dwar preċetti u kunsilli, u jinsistu pjuttost fuq espożizzjoni tar-Regola li hi storika, biblika, teoloġika u spiritwali.

Fernando Uribe Escobar twieled il-Kolombja, u hu professur fl-Università Pontificia Antonianum ta' Ruma. Hu speċjalista fil-kitbiet u l-bijografiji medjevali ta' San Franġisk u Santa Klara, u kiteb bosta artikli f'rivisti u kotba pubblikati mill-editriċi l-aktar magħrufin tal-ħsieb franġiskan. Fost il-kotba tiegħu ta' min isemmi: *La vida religiosa según san Francisco de Asís* (Onate-Guipúzcoa 1982); *Introducciòn a las hagiografías de San Francisco y Santa Clara de Asís (Siglos XIII y XIV)* (Murcia 1999); *Il Francesco di Bonaventura. Lettura della Leggenda Maggiore* (Santa Maria degli Angeli – Perugia 2003).

Il-volum jaqsam ir-Regola Bullata (RegB) fi 22 unità: (1) Josservaw l-Evanġelju ta' Ġesù Kristu, fundament evanġeliku tal-ħajja Franġiskana [RegB 1,1]; (2) L-ubbidjenza lejn il-Knisja [RegB 1,2-3]; (3) Dawk li jħaddnu din il-ħajja. L-impenn tal-konverżjoni [RegB 2,1-6]; (4) Libertà biex jiċħdu għall-ġid u jqassmuh lill-foqra [RegB 2,7-8]; (5) Iż-żmien tal-prova u l-forma ta' l-ilbies [RegB 2,9-10]; (6) Jiġu milqugħin għall-ubbidjenza. Il-professjoni u l-konsegwenzi tagħha [RegB 2,11-13]; (7) Forma ta' l-ilbies ta' l-aħwa [RegB 2,14-17]; (8) It-talb komuni ta' l-aħwa, u l-uffiċċju divin [RegB 3,1-4]; (9) Is-sawm tal-ġisem [RegB 3,5-9]; (10) Minuri u bennejja tal-paċi [RegB 3,10-14]; (11) Mingħajr flus jew għana [RegB 4,1-3]; (12) Jaħdmu bil-fedeltà u d-devozzjoni [RegB 5,1-4]; (13) Werrieta u slaten tas-saltna tas-smewwiet. Mingħajr proprjetà u itineranti [RegB 6,1-6]; (14) Familjarità ta' l-aħwa spiritwali [RegB 6,7-9]; (15) Penitenza bil-ħniena. Ma jitħawwdux minħabba d-dnub ta' ħuthom [RegB 7,1-3]; (16) Il-Ministru Ġeneral u l-Kapitlu [RegB 8,1-5]; (17) Il-predikazzjoni tal-patrijiet minuri [RegB 9,1-4]; (18) L-awtorità u l-ubbidjenza fil-fraternità, u r-relazzjonijiet bejn il-ministri u s-sudditi [RegB 10,1-6]; (19) Ikollhom l-Ispirtu tal-Mulej u l-ħidma qaddisa tiegħu [RegB 10,7-12]; (20) Ir-relazzjonijiet affettivi ta' l-aħwa [RegB 11,1-3]; (21) Il-missjoni «ad gentes» [RegB 12,1-2]; (22) Il-fundamenti tal-fedeltà [RegB 12,3-4].

Mil-lat storiku l-istudju jippreżenta studju tajjeb dwar il-binja tar-Regola Franġiskana fid-diversi mumenti tal-formazzjoni tagħha: (1) 1209/10: approvazzjoni orali tal-«forma vitae» ta' San Franġisk mill-Papa Innoċenz III; (2) 1215: il-Konċilju Lateran IV u l-influss tiegħu fuq il-leġislazzjoni Franġiskana; (3) 1217: il-Kapitli ġenerali ta' l-Ordni li bdew jagħtu forma aktar organizzattiva lill-istess Ordni u l-leġislazzjoni tiegħu; (4) 1221: l-approvazzjoni tar-Regola non Bullata l-aktar bħala frott ta' leġislazzjoni matul il-perjodu 1215-1221; (5) 29 ta' Novembru 1223: l-approvazzjoni tar-Regola Bullata mill-Papa Onorju III.

Il-ktieb fih ukoll bibljografija tajba dwar ir-Regola Bullata. Hu strument utli ħafna għall-formazzjoni permanenti tal-patrijiet Minuri, u l-aktar għaż-żmien tal-formazzjoni inizjali, partikolarment matul is-sena tan-novizzjat, li fiha tiġi studjata bir-reqqa r-Regola Franġiskana. Jista' jkun strument utli biex nerġgħu niskopru l-freskezza tas-sejħa evanġelika tagħna, bl-għajnuna tar-Regola li aħna r-reliġjużi irġiel wegħedna lil Alla li ngħixu fi ħdan il-Knisja u l-Ordni Franġiskan.

# *Let us dare to live the Gospel*

*“*

*During this year of 2007 we are living the stage which will bring us to the celebration of “the grace of our origins”. It is a time of decision and projection. The franciscan icon to guide us is that of the experience of Francis in the Porziuncola (cf. 1Cel 22).*

*Confronted by the word of Jesus which sent out the disciples, Francis discovered his evangelising and missionary vocation, he felt that he also was “sent” by Jesus, he felt that to be a true disciple he had also to be a witness, a missionary.*

*Radiant with joy for having discovered what he has sought for years, Francis exclaimed: “This is what I want, this is what I seek, this is what I desire with all my heart!”. Francis changed his clothing and style of life without delay. He was “converted” to the “call-sending” of the Lord and set out.*

*The encounter of Francis with Jesus-Word in the Porziuncola represents the decisive stage of his conversion and the beginning of the franciscan mission.*

*The experience of Francis is the source of verification and inspiration for our missionary awareness. We also are called, during this year, to renew the missionary impulse, to respond promptly to the Lord who sends us to so many people who still do not know, or have rejected, Christ, to renew our personal and fraternal life in accordance with the Gospel, which we professed, and with the mission we received, and to make a new decision.*

*Let us also, like Francis, dare to live the Gospel and to set out anew on the evangelising mission, remembering that “the mission is the measure of our faith” (John Paul II).*

*«Fraternitas»*
*Mejju 2007*

*”*

## ***Abbrevjazzjonijiet***

### ***Kitbiet ta’ S. Franġisk***

| | |
|---|---|
| *Adm* | Admonitiones. |
| *CantAudPov* | Cantico Audite Poverelle. |
| *CantSol* | Canticum fratris Solis. |
| *LaudDei* | Laudes Dei Altissimi. |
| *BenLeo* | Benedictio fratri Leoni data. |
| *EpAnt* | Epistola ad sanctum Antonium. |
| *EpCler I* | Epistola ad Clericos (Redactio prior). |
| *EpCler II* | Epistola ad Clericos (Red. posterior). |
| *EpCust I* | Epistola ad Custodes I. |
| *EpCust II* | Epistola ad Custodes II. |
| *EpFid I* | Epistola ad Fideles I. |
| *EpFid II* | Epistola ad Fideles II. |
| *EpLeo* | Epostola ad fratrem Leonem. |
| *EpMin* | Epistola ad Ministrum. |
| *EpOrd* | Epistola toti Ordini missa. |
| *EpRect* | Epistola ad populorum rectores. |
| *ExhLD* | Exhortatio ad Laudem Dei. |
| *ExpPat* | Expositio in Pater noster. |
| *FormViv* | Forma vivendi sanctae Clarae data. |
| *Fragm* | Fragmenta alterius RegulaeNB. |
| *LaudHor* | Laudes ad omnes horas dicendae. |
| *OffPass* | Officium Passionis Domini. |
| *OrCruc* | Oratio ante crucifixum. |
| *RegB* | Regula bullata. |
| *RegNB* | Regula non bullata. |
| *RegEr* | Regula pro eremitoriis data. |
| *SalBMV* | Salutatio beatae Mariae Virginis. |
| *SalVirt* | Salutatio virtutum. |
| *Test* | Testamentum. |
| *UltVol* | Ultima voluntas S. Clarae scripta. |

### ***Fonti ta’ S. Franġisk***

| | |
|---|---|
| *1C* | Tommaso da Celano, *Vita Sancti Francisci*. |
| *LCh* | Celano, *Legenda ad usum chori*. |
| *2C* | Celano, *Memoriale in Desiderio Animae.* |
| *3C* | Celano, *Tractatus de Miraculis S. Francisci*. |
| *LJS* | Julian of Speyer, *Vita Sancti Francisci*. |
| *OR* | *Officium Rhythmicum S. Francisci*. |
| *AP* | *Anonimo Perugino.* |
| *L3C* | *Leggenda dei Tre Compagni.* |
| *CA* | *Compilatio Assisiensis.* |
| *LM* | S. Bonaventura, *Legenda Maior S. Francisci*. |
| *LMin* | S. Bonaventura, *Legenda minor S. Francisci*. |
| *SP* | *Speculum Perfectionis.* |
| *SC* | *Sacrum Commercium S. Francisci*. |
| *ABF* | *Actus Beati Francisci et Sociorum Eius.* |
| *Fior* | *Fioretti di San Francesco.* |

### ***Kitbiet u Fonti ta’ S. Klara***

| | |
|---|---|
| *BenCl* | Barka ta’ S. Klara. |
| *EpAgn I-IV* | Ittri lil S. Agnese ta’ Praga. |
| *LegCl* | *Legenda Sanctae Clarae Virginis*. |
| *PrivPaup* | *Privilegium Paupertatis.* |
| *ProcCan* | *Processo di Canonizzazzione.* |
| *RegCl* | Regola ta’ S. Klara. |
| *TestCl* | Testment ta’ S. Klara. |